Vol 39
Nru 200
April - Ġunju 2018

# L-ART Imqaddsa

## RIVISTA BIBLIKA



L-ART IMQADDSA

Rivista Biblika
li toħroġ kull tliet xhur
mill-Kummissarjat tal-Art
Imqaddsa tal-Provinċja
Franġiskana Maltija

EDITUR:
P. Twanny Chircop OFM
Kummissarju
tal-Art Imqaddsa

BORD EDITORJAL:
P. Marcello Ghirlando OFM
P. Noel Muscat OFM
Mr. Louis Casha

DISTRIBUZZJONI:
Fra. Lorrie Zerafa OFM

ABBONAMENT:
€10 fis-sena
€15 jew aktar Sostenitur

Kummissarjat
tal-Art Imqaddsa
8, Triq Santa Luċija,
Valletta, VLT 1213
Malta.
Tel: 2124 2254

DISINN U STAMPAR:
Best Print Co. Ltd

Il-Materjal kollu li jidher
f'din ir-Rivista
huwa Copyright ©
tal-Kummissarjat tal-Art
Imqaddsa u l-Edizzjoni
TAU, 2018

comalt@ofm.org.mt
www.ofm.org.mt

Qoxra Quddiem:
*Dehra tal-Kastell ta' Montfort*

# Werrej



6



13



18



24


6 Il-Monasteru ta’ Stavrovouni, Ċipru

13 Simboli Bibliċi tal-Ispirtu s-Santu

18 L-Għaqda bejn l-aħħar ċena, il-kalvarju u l-qawmien

24 L-Eżorċiżmi ta’ Ġesù fil-Vanġelu skont San Mark (2)

30 Il-Verità fl-Evanġelju skont San Ġwann

40 Fortizzi kruċjati fl-Art Imqaddsa - Il-kastell ta’ Montfort




30

# Editorjal

ta’ Patri Twanny Chircop ofm



## Ġerusalemm Mibnija Bħal Belt

Fis-Salm 122 (121) nitolbu: “Ġerusalemm, mibnija bħal belt, magħquda ħaġa waħda.” Huma l-kliem ta’ tifħir tal-pellegrini Lhud li jitilgħu bil-ferħ lejn il-Belt Qaddisa biex hemm jagħtu qima lill-Mulej fit-Tempju. Il-poplu ta’ Israel dejjem ħares lejn Ġerusalemm bħala l-post li fih Alla għażel li jiġi jgħammar fost il-magħżulin tiegħu. Għal kull Lhudi Ġerusalemm hi l-emblema tal-identità tiegħu.

Jekk hemm belt li kellha storja mqallba, din hi ċertament Ġerusalemm. Tissemma għall-ewwel darba fir-rakkont tal-Ġenesi, li fih Abraham jiltaqa’ ma’ Melkisedek, qassis u re ta’ Salem (Ġen 14,18-20). Jista’ jkun li dan l-isem jirreferi għal din il-belt ta’ Salem, isem li jingħad li ġej mill-kelma “Shalom”, li tfisser sliem. Nafu li fl-Ittri ta’ Amarna (1330 q.K.) tissejjaħ Urusalim, u wkoll Beth-Shalem. L-isem żviluppa fil-kelma Lhudija Yerushalaim, l-isem li bih sal-lum il-Lhud isejħu lil Ġerusalemm.

Meta l-poplu ta’ Israel daħal fl-Art Imwiegħda taħt Ġożwè, il-belt ta’ Ġerusalemm ma rebaħhiex. Hi kienet belt tal-Ġebusin, u hekk baqgħet sakemm kien ir-re David li rebaħha u ddikjaraha bħala l-belt kapitali tar-renju tiegħu wara Ħebron, madwar is-sena 1000 q.K. Kienet mossa politika għaqlija. Ġerusalemm tinsab fuq il-għoljiet tal-Lhudija, bejn il-Baħar Mediterran u l-Baħar il-Mejjet. Il-pożizzjoni tagħha hi strateġika. Hi

*...editorjal*
*Ġerusalemm mibnija bħal Belt*



għandha nixxiegħa ta' ilma ġieri, il-Giħon, li kienet tiggarantixxi l-għajxien tal-popolazzjoni tagħha. Taħt ir-re Salamun, Ġerusalemm laħqet il-quċċata tal-glorja tagħha, l-aktar bit-Tempju li kien magħruf mad-dinja kollha. Din il-glorja ta' Ġerusalemm bħala l-belt kapitali tar-renju Davidiku ntemmet fis-sena 587 q.K., meta nqerdet mill-Kaldin u l-popolazzjoni ngarret fl-eżilju. Il-Lhud reġgħu lura mill-eżilju ta' Babilonja fis-sena 539 q.K., meta r-re Ċiru ħareġ l-editt tal-liberazzjoni tagħhom, imma Ġerusalemm qatt ma reġgħet saret kapitali tal-iStat Lhudi, billi l-familja rjali ta' David kienet intemmet u l-pajjiż spiċċa taħt il-ħakma tal-Persjani, u mbagħad tas-slaten Selewċidi. Kien biss waqt ir-rewwixta tal-Makkabin, li bdiet fis-sena 164 q.K., li l-familja saċerdotali tal-Asmonej irnexxielha takkwista indipendenza għal Ġerusalemm bħala belt tal-Lhud. Imma anke hawn ma damitx, għax fis-sena 63 q.K. Pompeo okkupa Ġerusalemm f'isem l-Imperu Ruman.

Fi żmien Ġesù, Ġerusalemm kienet belt Lhudija, imma taħt ħakma Rumana. Ir-rewwixta tal-Lhud fis-sena 66 w.K. wasslet għall-qerda tat-Tempju fis-sena 70 w.K. It-tieni rewwixta tal-Lhud fis-sena 135 kienet il-kawża biex l-Imperatur Adrijanu jbiddel saħansitra l-isem ta' Ġerusalemm f'dak ta' Ælia Capitolina, u jiddikjaraha belt pagana. Imma wara l-editt ta' Kostantinu fis-sena 313, Ġerusalemm saret belt Kristjana taħt l-Imperu Biżantin, u damet hekk sas-sena 638. Kien f'dik is-sena li l-Kaliff Omar Ibn al-Khattab ħakem Ġerusalemm, li saret belt Musulmana, u biddel l-għolja tat-Tempju mġarraf tal-Lhud f'post qaddis għall-Musulmani, u semmiha Al-Quds, il-Qaddisa.

Il-Lhud baqgħu f'Ġerusalemm, imma f'numru żgħir ħafna. Għal sekli sħaħ Ġerusalemm kienet belt Musulmana, b'intervall ta' dominazzjoni Kristjana Latina waqt iż-żmien tal-Kruċjati (1099 – 1187). L-Insara rnexxielhom jgħixu f'Ġerusalemm ukoll waqt il-ħakma Islamika tad-diversi dinastiji Omajjada, Abassida, Fatimida, Mamluka, Ajjubida, u waqt il-ħakma twila tat-Torok Ottomani (1517 – 1917).

Fi żmien il-Mandat Britanniku fuq il-Palestina (1922 – 1947), eluf ta' Lhud, imħeġġin mill-moviment Sijonista fl-Ewropa, u kawża wkoll tal-Olokawst tal-Lhud waqt it-Tieni Gwerra Dinjija, irnexxielhom jerġgħu lura fil-Palestina. Inqala' l-inkwiet mal-Palestinjani residenti, sakemm l-Ingilterra ħalliet il-Mandat u fl-1948 il-Ġnus Magħquda qasmu l-Palestina bejn l-Istat ta' Israel u r-Renju

tal-Ġordanja, li ngħata x-Xatt tal-Punent u l-Belt il-Qaddisa ta' Ġerusalemm.

Il-gwerra tal-1967 wasslet biex Israel okkupa x-Xatt tal-Punent u wkoll il-Belt Qadima ta' Ġerusalemm. Sadanittant kienet żviluppat ħafna Ġerusalemm tal-punent, il-belt ġdida, li hi kollha Israeljana. Meta Israel ħa taħt idejh il-Belt kollha, inkluża l-Belt il-Qadima, sagra għal-Lhud, Insara u Musulmani, u Ġerusalemm tal-lvant, fejn jgħixu l-Palestinjani, iddikjara Ġerusalemm bħala l-belt kapitali eterna u magħquda tal-Istat ta' Israel. Din il-mossa ma ġietx rikonoxxuta mill-Ġnus Magħquda, u bosta nazzjonijiet li għandhom relazzjonijiet diplomatiċi ma' Israel għandhom l-ambaxxati tagħhom fil-belt Israeljana ta' Tel Aviv, u mhux f'Ġerusalemm.

Il-Vatikan, għalkemm irrikonoxxa l-Istat ta' Israel fl-1993 u waqqaf relazzjonijiet diplomatiċi miegħu, xorta għandu Nunzjatura f'Tel Aviv u Delegazzjoni Apostolika għal Ġerusalemm u l-Palestina f'Ġerusalemm. Il-Vatikan dejjem sostna li Ġerusalemm il-Qadima jeħtieġ li jkollha status internazzjonali, u ma tkun iggvernata minn ebda Stat, imma mill-Ġnus Magħquda, biex hekk jitħares l-iStatus Quo tal-Postijiet Qaddisa tal-Lhud (Ħajt tal-Punent), Insara (Bażilika tal-Qabar ta' Kristu), u Musulmani (Moskea Al-Aqsa u Koppla tal-Blata).

Din l-istorja fil-qosor turi kemm hi komplessa l-istorja ta' Ġerusalemm, u kemm hu perikoluż li jittieħdu deċiżjonijiet ta' natura politika li ma jirrispettawx l-iStatus Quo tal-Belt. Sfortunatament, barra mid-deċiżjoni arbitrarja ta' Israel li jiddikjara li Ġerusalemm magħquda hi kapitali tiegħu, u hekk ħarrax it-tensjoni mal-Palestinjani, li jsostnu li Ġerusalemm tal-lvant u l-Belt il-Qadima għandhom ikunu l-kapitali tal-Istat futur tagħhom, nassistu fil-preżent għal deċiżjonijiet arbitrarji oħrajn, bħal dik tal-President tal-iStati Uniti tal-Amerika, li nhar l-14 ta' Mejju mexxa l-ambaxxata Amerikana f'Ġerusalemm u hekk irrikonoxxiha bħala kapitali ta' Israel.

Ġerusalemm qatt ma kienet il-belt kapitali kontinwa ta' ħadd, lanqas tal-Lhud. Kienet dejjem belt li lejha ħarsu diversi popli u reliġjonijiet, għax l-istatus tagħha mhux dak ta' entità politika imma reliġjuża. Din hi verità li ma jista' jiċħadha ħadd, lanqas dawk li jagħlqu għajnejhom biex ma jqisux l-istorja ta' tliet millennji ta' din il-Belt Qaddisa, il-Belt tal-paċi li forsi hi l-aktar belt li rat gwerer u tixrid ta' dmija, fosthom id-demm innoċenti ta' Ġesù li miet fuq il-Kalvarju biex ikisser il-ħitan tal-mibegħda u jġib il-paċi bejn il-ġnus u l-popli.



# IL-MONASTERU TA' STAVROVOUNI, ĊIPRU

*Noel Muscat ofm*

Forsi huma ftit dawk li jafu li l-gżira ta' Ċipru hi marbuta ħaġa waħda mal-Art Imqaddsa. Ċipru tissemma diversi drabi fil-Bibbja bħala l-art tal-Kittim, b'riferiment ukoll għall-belt antika ta' Kition (fdalijiet arkeoloġiċi ta' din il-belt jinsabu fil-belt moderna ta' Larnaca). F'Ġeremija 2,10 u Eżekjel 27,6 insibu riferimenti għall-"gżejjer tal-Kittim", li jindikaw il-gżejjer Griegi inġenerali, imma b'mod partikulari l-gżira ta' Ċipru. Ċipru ġiet evanġelizzata

mill-Appostlu Pawlu, flimkien ma' Barnaba, waqt l-ewwel vjaġġ missjunarju tiegħu, meta qasam il-gżira minn Salamina sa Pafos (Atti 13,4-13). Sal-lum il-ġurnata għadu meqjum is-santwarju fejn indifen San Barnaba, li kien Ċiprijota.

Barra mill-fatt li Ċipru hi art biblika, hi wkoll gżira sinjura fit-tradizzjoni monastika orjentali. Il-gżira hi miżgħuda b'monasteri li fihom huma meqjuma diversi qaddisin lokali, ħafna minnhom monaċi. Fuq kollox Ċipru hi wkoll marbuta mal-istorja tal-Kruċjati u tal-preżenza Franġiskana fl-Art Imqaddsa. Kien wara l-waqgħa ta' Akri fl-1291 li diversi Kristjani Latini sabu kenn f'Ċipru, fosthom l-Ordnijiet Kavallereski u l-istess Patrijiet Franġiskani tal-Kustodja tal-Art Imqaddsa, li dejjem żammew Ċipru bħala l-aktar post qrib biex minnu jkunu jistgħu jirritornaw lejn l-Art Imqaddsa appena s-sitwazzjoni titjieb.

Dan l-isfond storiku jservi biex aħna napprofondixxu aktar il-karattru Kristjan tal-gżira ta' Ċipru, l-aktar bir-rabta tiegħu mal-Art Imqaddsa. Wieħed mill-monasteri li l-aktar ifakkruna fl-Art Imqaddsa fuq il-gżira ta' Ċipru hu dak magħruf bħala Stavrovouni, il-Monasteru tas-Salib.


*Santa Elena fil-bir fejn sabet is-Salib*

## Il-Monasteru ta' Stavrovouni

Il-Monasteru Grieg Ortodoss ta' Stavrovouni jinsab fuq quċċata ta' muntanja msemmija għalih 19-il kilometru bogħod mill-belt ta' Larnaca fuq il-kosta tax-xlokk ta' Ċipru. Din il-muntanja kienet oriġinarjament magħrufa bl-isem ta' Olympus, imma llum dan l-isem hu mogħti lill-ogħla muntanja tal-katina tat-Troodos, li huma l-aktar muntanji għoljin tal-gżira ta' Ċipru. L-isem ġej minn żewġ kelmiet Griegi, *stavrós* (salib) u *vounó* (muntanja). Mela l-isem ifisser "Muntanja tas-Salib".

Tradizzjoni antikissima f'Ċipru tgħid li Stavrovouni hu wieħed mill-eqdem monasteri tad-dinja. Dan il-monasteru twaqqaf minn Santa Elena, omm l-Imperatur Biżantin Kostantinu I l-Kbir. Il-kronista Ċiprijota tas-seklu 15, Leontios Makhairas, jikteb li fi tmiem l-ewwel Sinodu (Konċilju) Ekumeniku ta' Nicea (325), Elena marret f'pellegrinaġġ lejn l-Art Imqaddsa, fejn hi skopriet l-għuda tal-veru

salib li fuqu ġie msallab Ġesù. It-tradizzjoni tas-sejba tas-salib hi marbuta mal-Bażilika tal-Qabar ta' Kristu f'Ġerusalemm, fejn il-Franġiskani jqimu l-Kripta tas-Sejba tas-Salib. Elena ġarret parti mir-relikwa tas-salib lejn Kostantinopli, flimkien mas-slaleb l-oħrajn tal-ħallelin li ġew misluba ma' Ġesù. Imma hi hu sejra lura lejn il-belt kapitali Biżantina, il-ġifen li kienet fuqu nqabad f'tempesta u spiċċat fuq il-kosta tal-gżira ta' Ċipru. B'hekk hi ddeċidiet li tħalli wieħed minn dawn is-slaleb f'Ċipru. Tradizzjoni lokali tgħid li b'mod mirakoluż is-Salib Imqaddes ġie trasferit fuq il-quċċata tal-muntanja, u li kien jidher dawl qawwi jiddi fuq din il-muntanja. Kull sforz biex iniżżlu r-relikwi tas-Salib kien għalxejn, u għalhekk Elena ddeċidiet li tħalli biċċa mis-Salib ta' Ġesù bħala relikwa u bniet kappella żgħira fuq il-muntanja biex tħarisha.

B'hekk Stavrovouni hu meqjus bħala wieħed mill-eqdem monasteri tad-dinja, flimkien ma' dawk ta' Sant'Atanasju (344), Sant'Anton Abbati (356), San Makarju (360), San Gabrijel (Mnor Gabriel) (397), Sant'Ewtimju (460), San Saba (Mar Saba) (483) u Santa Katerina tas-Sinaj (565). Dawn il-monasteri jinsabu kollha jew fl-Eġittu, jew fis-Sirja, jew fit-Turkija, jew fid-deżert tal-Lhudija fil-Palestina, kollha żoni sagri għall-monakeżimu tal-bidu.

## Storja tal-Monasteru ta' Stavrovouni

Kif rajna, Stavrovouni hu l-eqdem monasteru



dokumentat fid-dinja. L-eqdem xhieda miktuba tmur lura għall-perjodu Biżantin, u tipprova li Stavrovouni kien ċentru importanti reliġjuż sa mis-seklu 4. L-informazzjoni dwar dan jagħtihielna pellegrin Russu, l-Abbati Danjel, li kien żar Ċipru fis-sena 1106, fl-era Kruċjata. Hu jinnota li s-Salib Imqaddes kien ġie mqiegħed fuq il-Muntanja Olympus bl-iskop li “jkeċċi l-ispirti ħżiena u jfejjaq kull xorta ta’ mard.” Hu jżid: “Dan is-salib hu bħal meteorita, għaliex mhux wieqaf fuq l-art, billi l-Ispirtu s-Santu jżommu mdendel fl-arja fi spazju vojt. Jiena, bniedem li ma jistħoqqlix, inżilt għarkopptejja quddiem dan l-oġġett qaddis u misterjuż, u bl-għajnejn midinba tiegħi rajt il-grazzja qaddisa li hi preżenti f’dan il-post.”

Wara t-twaqqif tiegħu, Stavrovouni ġie okkupat minn monaċi Ortodossi li kienu jgħixu skont ir-Regola ta’ San Bażilju. Għandna aktar informazzjoni storika dwar il-monasteru minn viżitaturi oċċidentali li marru Ċipru fis-seklu 13. Willibrand de Oldenburg żar Stavrovouni fl-1211 u kiteb: “Is-salib tal-Ħalliel it-Tajjeb jinsab fuq l-ogħla muntanja ta’ Ċipru” (imma nafu li Stavrovouni, 689 metru, fil-fatt, mhijiex l-ogħla muntanja, għax din hi l-muntanja Olympos fit-Trodoos, 1952 metru). Fl-1305 Ludolph von Suchem kiteb: “Il-muntanja hi bħall-Muntanja Tabor li fuqha jgħixu l-monaċi Benedittini. Mill-quċċata tagħha wieħed jista’ jara l-Libanu.” Fil-fatt, fi ġranet ċari ħafna tax-xitwa l-muntanji tal-Libanu jidhru fil-bogħod, ’il hemm

*Il-Muntanja ta’ Stavrovouni bil-Monasteru fuq il-quċċata*



mill-baħar li jifred il-Libanu mill-gżira ta' Ċipru.

Wara l-waqgħa tar-Renju Latin ta' Ġerusalemm, ir-Re Richard I tal-Ingilterra okkupa Ċipru fl-1191 u biegħ il-gżira lill-kavallieri Templari. Dawn għaddew il-gżira lill-familja rjali ta' Lusignan, li damu jirrenjaw fuq Ċipru mill-1192 sal-1489. Kien żmien li fih Ċipru kien taħt ħakma Latina, u li matulu l-Franġiskani kellhom ukoll rwol importanti. Naturalment dan iż-żmien ma jitqiesx bħala żmien feliċi mill-Griegi Ortodossi, li sfaw imkeċċijin minn Stavrovouni, li ngħata lill-monaċi Benedittini. Mill-1489 sal-invażjoni Torka tal-1571, Ċipru għadda f'idejn il-ħakma tal-Venezjani, li kienu jiddefendu d-drittijiet tal-monaċi Ortodossi bħala l-veri proprjetarji tal-Monasteru ta' Stravrovouni.

Matul l-istorja twila tiegħu, l-monasteru ta' Stavrovouni għadda minn perjodi ta' faqar kbir u ta' tbatija minħabba diversi invażjonijiet fuq il-gżira. Illum il-ġurnata kull ma fadal mis-Salib Imqaddes hi relikwa żgħira, li dwarha nitkellmu aktar tard. Fl-1598 in-nobbli Kryštof Harant mill-Boemja kiteb: "Ħadd ma jaf x'għamlu t-Torok bis-Salib Imqaddes." It-Torok Ottomani nvadew Ċipru fl-1570 meta niżlu Pafos. Huma malajr ħakmu l-gżira taħt idejhom u waslu Nicosia. Fis-6 ta' Lulju ta' dik is-sena huma attakkaw il-Monasteru ta' Stavrovouni. Diversi nsara li kienu daħlu fil-monasteru għall-kenn sofrew il-martirju flimkien mal-monaċi preżenti hemmhekk. It-Torok serqu kull ma sabu u taw in-nar lill-monasteru.

Il-monaċi ma damux ma reġgħu lura biex jgħixu fil-monasteru, imma minħabba l-periklu tal-post u l-fatt li kien iżolat u mhux komdu huma kienu joqogħdu fil-monasteru dipendenti (Metochia, jew monasteri dipendenti) ta' Agia Varvara (Santa Barbara), ftit 'l isfel taħt il-muntanja. Kienu baqgħu jamministraw il-Monasteru ta' Stavrovouni. Sfortunatament fl-1888 wieħed minnhom ħalla xi lampieri taż-żejt mixgħulin fil-knisja tal-monasteru u dan ħa n-nar. L-unika relikwa li ġiet salvata kienet dik tas-Salib Imqaddes, li hi ingastata f'relikwarju rikk tal-fidda forma ta'



*Santa Elena tasal Ċipru bir-relikwa tas-Salib*


*Kappella tal-Qaddisin Kollha fid-daħla ta' Stavrovouni*

salib, li għadu jeżisti fuq Stavrovouni.

Wara li l-monasteru reġa' inbena, fl-1889 wasal minn Monte Athos l-Abbati Dionysius, li ngħaqdu miegħu tliet monaċi Ċiprijoti li kienu wkoll fil-Monte Athos, Varnavas, Kallinikos u Gregorios. Dawn kellhom jagħtu ħajja ġdida lil dan il-monasteru famuż, l-aktar wara li fl-1878 Ċipru għaddiet minn taħt il-ħakma tat-Torok Ottomani għall-ħakma Ingliża, li damet sal-indipendenza tal-gżira fl-1960.

Bil-mod il-mod il-Monasteru ta' Stavrovouni sar iċ-ċentru spiritwali tal-gżira ta' Ċipru. Il-monasteru tant kiber li, lejn nofs is-seklu 20, kienu jiġu iffurmati fih diversi monaċi li mbagħad kienu jintbagħtu biex iwaqqfu u jkabbru monasteri Ortodossi oħrajn.

## Il-Monasteru u r-Relikwi

L-aktar relikwa prezzjuża li jħares il-Monasteru ta' Stavrovouni fil-knisja prinċipali tiegħu hi dik tal-biċċa tas-Salib Imqaddes li tħalliet hemmhekk minn Santa Elena. Kif rajna, hemm xhieda antika li kienet issostni li din ir-relikwa kienet mirakolożament tinsab imdendla waħedha fl-arja. Illum il-ġurnata din ir-relikwa tinsab ingastata f'salib kbir u rikk tal-fidda, fuq in-naħa tal-lemin tal-ikonostasi tal-knisja tal-monasteru.

Relikwi oħrajn li għadhom fil-monasteru u li tħallew minn Santa Elena jinkludu s-Salib tal-Ħalliel it-Tajjeb, musmar tal-passjoni, u parti mill-ħabel li bih Ġesù ġie marbut fuq is-Salib.

Il-knisja tal-monasteru hi naturalment iċ-ċentru storiku u spiritwali ta' din l-istituzzjoni monastika Griega Ortodossa. Barra mir-relikwa tas-Salib Imqaddes, fil-knisja wieħed jista' jammira l-affreski u l-ikoni li saru wara li l-knisja ġiet irrestawrata. L-awtur ta' dawn l-affreski hu r-raħeb Kallinikos, li kien jgħix fi Stavrovouni. Il-leġġenda tal-fondazzjoni tal-monasteru hi mfakkra fl-affreski ta' Santa Elena li ssib is-Salib f'Ġerusalemm, u ta' Santa Elena li tasal Ċipru bir-relikwa tas-Salib wara li spiċċat fuq il-gżira f'nawfraġju waqt tempesta.

Il-Monasteru ta' Stavrovouni hu wieħed mill-aktar importanti fl-Ortodossija. Hu monasteru li jħares



*Monasteru ta' Stavrovouni*

stil ta' ħajja komuni bħall-Monasteri ta' Monte Athos, u għaldaqstant il-monaċi jgħixu ħajja iebsa ta' talb u penitenza. Il-monasteru kien antikament interdett għan-nisa, imma llum il-ġurnata hu miftuħ għall-viżitaturi f'ċerti ħinijiet u żminijiet.

Malli wieħed jasal fuq il-muntanja ta' Stavrovouni, l-ewwel ma jilmaħ hi l-kappella tal-Qaddisin kollha, li tinsab barra mill-monasteru proprju, ftit 'l isfel fuq il-muntanja. Hi kappella li fiha hemm affreski sbieħ. Minn hemm wieħed jitla' bil-mixi biex jidħol fir-reċint tal-monasteru. Naturalment mhux permess li wieħed iżur il-monasteru kollu, imma biss il-parti miftuħa għall-pellegrini, li tinkludi kjostru u l-knisja prinċipali, flimkien ma' mużew żgħir ta' tifkiriet antiki. Il-knisja hi ta' dimensjoni mhux kbira, u bħall-knejjes Ortodossi hi miksija bl-affreski u ikoni, li barra mill-qaddisin Ortodossi, jirrappreżentaw il-ġrajja tal-leġġenda tal-miġja tas-Salib permezz ta' Santa Elena.

Ir-relikwa tal-Veru Linju inkastonata f'salib tassew rikk tal-fidda tinsab fuq il-lemin tal-knisja. Il-pellegrini kollha jistgħu jersqu biex iqimuha u jbusuha b'venerazzjoni, imma mhux permess li wieħed jieħu ritratti tagħha. Hemm dejjem raħeb Ortodoss għassa ma' din ir-relikwa prezzjuża li hi ċ-ċentru ta' qima ta' dan il-monasteru uniku u speċjali li jifforma parti importanti mill-istorja tal-gżira ta' Ċipru, li dejjem kienet fortizza ta' Ortodossija Kristjana, anke jekk mhedda mill-Iżlamizzazzjoni tat-Turkija. F'din l-istorja l-Monasteru ta' Stavrovouni jibqa' jiddi b'dija li tixtered fuq il-gżira tal-Appostli Pawlu u Barnaba, imqaddsa bil-preżenza tas-Salib miġjub minn Ġerusalemm, u magħquda ħaġa waħda mal-Art Imqaddsa.



# SIMBOLI BIBLIĊI TAL-ISPIRTU S-SANTU

*Fr Charles Buttigieg*

*"U nroxx fuqkom ilma safi, u tissaffew mit-tinġis kollu tagħkom; mill-idoli kollha tagħkom insaffikom" (Eżekjel 36:25)*



## Simboli Bibliċi

Fil-Bibbja niltaqgħu ma' diversi simboli bibliċi li jgħinuna ħafna nifhmu lill-Ispirtu s-Santu u l-ħidma tiegħu.

L-ewwel fost dawn is-simboli hu l-ilma. L-ilma hu simbolu tal-ispirtu li jaħsel, inaddaf u jippurifika: "U nroxx fuqkom ilma safi, u tissaffew mit-tinġis kollu tagħkom; mill-idoli kollha tagħkom insaffikom" (Eżekjel 36:25). L-ilma għalhekk ifisser il-ħajja, fejn m'hemmx ilma m'hemmx il-ħajja bħalma naraw fix-nixfa tad-deżert. L-Ispirtu s-Santu għalhekk jagħti l-ħajja u jippurifika.

Simbolu ieħor huwa dak tan-nar li fil-Bibbja jesprimi dejjem il-preżenza, il-ħidma u l-azzjoni tal-Ispirtu ta' Alla, kif naraw tajjeb fil-kolonna tan-nar: "U l-Mulej binhar kien jimxi quddiemhom f'kolonna ta' sħab biex jurihom it-triq u bil-lejl f'kolonna tan-nar biex jagħtihom id-dawl, u b'hekk setgħu jimxu billejl u binhar." (Eżodu 13:21). Is-serafini li jinsabu quddiem Alla huma marbuta wkoll man-nar, infatti l-kelma Ebrajka: *saraf* tfisser 'taħraq'. In-nar li joħroġ mit-tron ta' Alla (ara Danjel 7:10). Dan huwa n-nar tal-preżenza u tal-imħabba tal-Ispirtu. Hekk ukoll naraw fl-ewwel laqgħa ta' Mosè ma' Alla fis-siġra taqbad bla ma tinħaraq. In-nar jintuża fuq kollox biex jippurifika u jġedded, bħal per eżempju fil-purifikazzjoni tal-metalli. In-nar hu għalhekk simbolu tal-qawwa tal-Ispirtu s-Santu li jġedded u jippurifika. Ġesù stess jgħid: "Nar ġejt inqabbad fuq l-art u kemm nixtieq li ġa qabad!" (Luqa 12:49). L-Ispirtu s-Santu jinżel taħt forma tal-ilsna tan-nar fil-Pentekoste (Atti 2:3-4).

Iżda s-simbolu l-iktar importanti u marbut mal-Ispirtu s-Santu huwa r-riħ. Fl-Ebrajk għandna l-kelma *ruah* li tfisser 'riħ', 'nifs', 'qawwa', u 'ħajja'. Din il-kelma nsibuha 378 darba fl-Antik Testment u diversi drabi bħala riferiment għall-Ispirtu ta' Alla, kif naraw per eżempju fil-ħolqien: "Fil-bidu Alla ħalaq is-sema u l-art; u kienet l-art taħwid u baħħ; u d-dlam kien fuq wiċċ l-abbissi u fuq wiċċ l-ibħra kien jittajjar l-ispirtu ta' Alla" (Ġen 1:1-2). Ir-riħ li

naraw ukoll nhar Pentekoste: “F’daqqa waħda ġie mis-sema ħoss bħal ta’ riħ qawwi u mela d-dar kollha fejn kienu qegħdin” (Atti 2:2). Ir-riħ huwa importanti biex jagħti ħajja u moviment fl-ilma, ilma mingħajr riħ, ikun qiegħed, jibda jinten u jmut. Hekk mela jagħmel l-Ispirtu s-Santu; jagħti l-ħajja, janima, jagħti n-nifs u jkompli jżommha dejjem ħajja.

Għandna wkoll is-sħaba u d-dell fil-mixja tal-poplu Lhudi fid-deżert bħala simboli oħra ta’ min isemmihom. Naraw li d-dell jissemma fit-tħabbira tal-anġlu lil Marija: “L-Ispirtu s-Santu jiġi fuqek, u l-qawwa tal-Għoli tixħet id-dell tagħha fuqek. U għalhekk dak li jitwieled minnek ikun qaddis, u jissejjaħ Bin Alla (Luqa 1:35); is-sħaba tissemma fit-Trasfigurazzjoni tal-Mulej fuq it-Tabor (Luqa 9:34-35) u fit-Tlugħ tal-Mulej fis-sema quddiem id-dixxipli tiegħu (Atti 1:9). Is-sħaba wkoll għad turi lil Bin il-Bniedem fil-glorja tiegħu fil-jum tat-tieni miġja tiegħu (Luqa 21:27).

Il-ħamiema li ttir hija simbolu ieħor tal-Ispirtu s-Santu. Naraw il-ħamiema li tajjar Noè u reġgħet lura b’werqa friska taż-żebbuġa bħala sinjal li l-art setgħet titgħammar mill-ġdid (Ġenesi 8:8-12). Il-ħamiema bħala simbolu tal-paċi hija tassew simbolu ta’ l-Ispirtu ta’ rikonċiljazzjoni u ta’ paċi. Naraw l-Ispirtu s-Santu li niżel taħt forma ta’ ħamiema fil-magħmudija ta’ Ġesù. Anke f’ħafna immaġni tat-Tħabbira tal-Madonna naraw l-Ispirtu s-Santu, li nissel fil-ġuf ta’ Marija, jidher dejjem taħt forma ta’ ħamiema.

Insemmu ż-żejt u l-unzjoni jew id-dilka biż-żejt. Iż-żejt huwa sinjal ta’ abbundanza (Dewteronomju 11:14) u ta’ ferħ (Salm 23:5). Iż-



żejt jintuża bħal tindif, juri qawwa u sbuħija iżda fuq kollox jintuża bħala mediċina għall-fejqan (Isaija 1:16). Iż-żejt ukoll juri s-sens tas-sagru u tal-konsagrazzjoni, kif naraw fil-konsagrazzjoni tal-oġġetti sagri u ta' diversi personaġġi bibliċi, bħala appartenenza lil Alla u li huma tiegħu. Ir-rejiet fl-Eġittu u fil-Persja kienu jiġu kkonsagrati biż-żejt. Ġakobb jikkonsagra biż-żejt il-ħaġra li kien qiegħed taħt rasu fil-post fejn kellu il-ħolma tas-sellum tiela' mill-art sas-sema (Ġenesi 28:18); Mosè kkonsagra l-għamara tal-Mulej biż-żejt (Eżodu 40:9); id-dilka ta' Aron (Eżodu 40:13); il-profeta Samwel jikkonsagra lil Sawl bħala l-ewwel re ta' Israel (1 Samwel 10:1); id-dilka ta' David minn Samwel (1 Samwel 16:13); dlik ta' Salamun (1 Slaten 3:6-12); u l-profeti Eliżew (1 Slaten 19:16); Eżekjel (Eżek 11:5) u Danjel (Dan 4:4). Fil-Ġdid Testment, Kristu l-Messija jsir l-Midluk per eċċellenza mill-Ispirtu ta' Alla b'mod li m'hemmx ieħor bħalu.

Fl-aħħarnett insemmu l-ġest tat-tqegħid ta' l-idejn bħala l-għotja tal-Ispirtu s-Santu u bħala fejqan. Bit-tqegħid tal-idejn Ġesù fejjaq il-morda (Mark 6:5); u bierek it-tfal (Mk 10:16). Naraw ukoll l-għotja tal-Ispirtu s-Santu bħala dilka jew konsagrazzjoni: "Madankollu fikom qiegħda tgħammar l-unzjoni li rċevejtu mingħandu, u għalhekk intom ma għandkomx bżonn min joqgħod igħallimkom. Għax l-unzjoni tiegħu tgħallimkom hi dwar kollox, u t-tagħlim tagħha hu veru, u m'huwiex xi gidba. U ladarba hu hekk, mela ibqgħu dejjem fih kif għallmitkom hi." (1 Ġwanni 2:27).

## Il-Ħidma tal-Ispirtu s-Santu

Il-ħidma tal-Ispirtu s-Santu hija kontinwa fil-Bibbja, tkompli fil-knisja u fil-ħajja ta' kull nisrani. Huwa





Spirtu li joħloq kif naraw fil-ħolqien. Huwa Spirtu ta' Ħelsien u Rivelatur, kif naraw fil-ġrajja tal-Eżodu u fil-Magħmudija ta' Ġesù. L-Ispirtu s-Santu għandu sehem importanti fl-Ispirazzjoni tal-Kelma ta' Alla. Huwa Spirtu ta' tiġdid bħalma naraw fix-xena tal-profeta Eżekjel, tal-għadam mejjet fil-wied li jerġa' jieħu l-ħajja. Huwa Spirtu ta' Rikonċiljazzjoni, ta' Paċi u Mħabba, kif naraw fil-moviment tat-tgħannieqa tal-Missier u l-Iben il-Ħali. Huwa Spirtu Difensur u Konsolatur, li jgħinna tassew fil-ħajja tagħna u permezz tas-sagramenti. Fuq kollox ma ninsewx li l-bniedem hu nnifsu huwa tempju ħaj tal-Ispirtu s-Santu u għalhekk il-bniedem jeħtieġ li jirrispetta l-persuna tiegħu u dik tal-oħrajn.

## Bibliografija


ALONSO-SCHOKEL, L., *Vieni Spirito Santo*, Roma 1998.

LANFRANCE, J., *Vieni Spirito Santo*, Milano 1997.

LURKER, M., *Dizionario delle Immagini e dei Simboli Biblici*, Cinisello Balsamo (Milano) 1990.

SPIDLIK, T., *Conosci lo Spirito?*, Roma 1997.



# L-GĦAQDA BEJN L-AĦĦAR ĊENA, IL-KALVARJU U L-QAWMIEN

*Mons Lawrenz Sciberras*

Sabiex joħroġ għad-dawl ir-rabta intrinsika li hemm bejn l-Aħħar Ċena u l-mewt ta' Ġesù vittma fuq is-Salib, wieħed għandu jifli kliem it-twaqqif tal-Ewkaristija, kliem li qalu Ġesù stess. Nibdew mill-kliem "Dan huwa ġismi; dan huwa demmi". Dawn il-kliem ġejjin minn terminoloġija sagrifikali tat-Testment il-Qadim. Dan il-kliem jeħodna bil-ħsieb għaż-żmien

meta individwi kienu jressqu offerti lejn l-artal fil-bitħa tat-tempju, biex il-qassis iqarribhom u joffrihom bħala debħa lil Alla. Dan kien mument tassew kbir u mimli tifsiriet għall-poplu magħżul.

## L-azzjoni ta' Ġesù

Ġesù nnifsu jagħmel tiegħu dan il-kliem u jbiddlu f'lingwaġġ personali ħafna. Hekk Ġesù qed jafferma bil-qawwa kollha li huwa hu l-vittma vera, reali u definittiva fost id-debħiet l-oħra kollha li saru qablu. Il-bhejjem bin-numru kbir tagħhom, kienu sempliċement is-sostituti tas-sagrifiċċju veru, ibda mill-muntun maqbud minn qrunu fl-għollieq u li dan imbagħad Abraham qatlu minflok ibnu l-waħdieni Iżakk (Ġen 22,13). Meta tkellem hekk, Ġesù wera li Mosè tkellem dwaru (Ġw 5,46). Ix-xbiha għamlet il-wisgħa darba għal dejjem għar-realtà.

Id-debħiet kollha huma ndirizzati lejH: Alla ma għandux bżonn ta' barrin u għoġiela u ħrief u lanqas tad-demm tagħhom. Għaliex fl-aħħar mill-aħħar dan huwa demm ta' annimal! Alla jistenna l-imħabba vera li hija l-unika triq vera tar-rikonċiljazzjoni. Imma dan il-kliem ġej mill-ambjent tal-kult ta' Israel kif ukoll mill-patt li sar fis-Sinaj (Eż 24). Ġesù żied kliem ieħor ta' oriġini profetiku. "Li ngħata għalikom", "li xxerred għal ħafna għal maħfra tad-dnubiet".

Dawn il-kliem qegħdin fil-Għanja tal-Qaddej ta' Jahweh u li jinsabu fil-ktieb ta' Isaija profeta. Dawn l-għanjiet intisġu fl-eżilju tal-Babilonja minn bniedem li huwa stess kien fl-eżilju mela għaddej *in persona* mit-tbatijiet fiżiċi u psikoloġiċi. Israel ma kienx fadallu aktar tempju li huwa l-uniku post leġittimu għall-adorazzjoni ta' Alla, ma kienx jiċċelebra aktar il-festi għeżież tiegħu, jum is-Sibt ma kienx jgħaddih fis-sinagoga! Hekk Israel donnu kien eżiljat ukoll minn Alla, armel waħdu f'deżert waħxi tassew.

Israel għalhekk ma seta' qatt aktar joffri sagrifiċċji ta' maħfra u ta' tifħir lil Alla u ta' radd il-ħajr. Din issa saret kwistjoni li ma setax wieħed jaħrab minnha. Kif qatt tista' teżiżti relazzjoni ma' Alla u li minnu tiddependi s-salvazzjoni tal-poplu kollu tad-dinja, meta dan il-poplu kien tassew mifrud, imbiegħed u miksur





direttament minn Alla! Dan kollu jfisser it-tkeċċija tal-ewlenin Adam u Eva mill "ġnien tal-Għeden" (Ġen 3,23).

## Il-qligħ tat-tbatija

F'din is-sitwazzjoni ta' ħajja mgħixha barra l-art tat-twelid tiegħu, ħajja 'l bogħod mill-kult, Israel issa tgħallem esperjenza kollha kemm hi ġdida! Wieħed ma setax jiċċelebra b'mod solenni t-tifħir lil Alla! L-unika possibbilità li wieħed jista' joqrob lejn Alla hija permezz tat-tbatija għal Alla. Imdawlin mill-Ispirtu s-Santu, il-Profeti fehmu sew li t-tbatijiet ta' Israel li jemmen tassew, issa saru l-veru sagrifiċċju, il-liturġija ġdida u msoffija, u li preċiżament f'din il-liturġija ġdida u reali Israel jirrappreżenta d-dinja quddiem il-għajnejn ta' Alla. Dan il-ħsieb kien fl-istess ħin ta' konsolazzjoni, ta' kmand u ta' tama.

Ta' konsolazzjoni: Dan għaliex Israel kien jaf li soċjalment fit-tbatijiet tiegħu, huwa jkun aktar qrib ta' Alla, u hekk imbagħad Alla jagħmlu dawl għall-ġnus. "Qalb maqsuma u sogħbiena int ma twarrabhiex o Alla".

Ħarsa ta' tama: Israel intebaħ, u sar jaf li din il-figura tal-Qaddej ta' Alla li qed ibati kienet bil-wisq aktar kbira minn kull individwu, minn kull profeta, u mill-poplu kollu. Israel fl-eżilju intebaħ sew li din il-figura kienet *sacramentum futuri*. It-tama fil-passjoni tagħha kienet tikkonsisti fil-fatt li n-nies li jbatu dan kollu kienu ta' antiċipazzjoni tal-veru Qaddej ta' Alla.

Fil-waqt li napplikaw dan il-kliem ta' Ġesù li huwa qal "Jien hu l-qaddej ta' Alla". Il-passjoni u l-mewt huma liturġija definittiva, huma ta' glorifikazzjoni ta' Alla, huma ta' dawl għad-dinja kollha.

## L-effetti tat-tbatija

F'dan il-kuntest ta' tbatija issa joħroġ fil-beraħ punt

importanti waqt iċ-ċelebrazzjoni tal-Ewkaristija. Israel ikkonċelebra ma' Ġesù l-Ewkaritija, u dan sar għaliex hu ħa sehem fit-tbatijiet tal-Qaddej ta' Alla. Li tieħu sehem fl-Ewkaristija li titqarben bil-ġisem u d-demm ta' Kristu, dan kollu jitlob liturġija tal-ħajja, is-sehem sħiħ fil-passjoni tal-Qaddej ta' Alla. Grazzi għal din il-parteċipazzjoni tat-tbatijiet tagħna isiru "sagrifiċċju" u hekk nistgħu nkomplu "dak li jonqos mit-tbatijiet ta' Kristu" (Kol 1,24).

Fit-tisħib mat-tbatijiet ta' Kristu, isseħħ dik il-għaqda sagramentali biex hekk nidħlu fil-għana tal-ħniena tal-Mulej. Minn hawn imbagħad jitwieldu l-vokazzjonijiet li bħala għan tagħhom ixerrdu l-ħniena ta' Ġesù.

## Il-patt il-ġdid

Fil-kliem tal-Aħħar Ċena rajna kemm it-tradizzjoni možajka, kif ukoll dik profetika diġà jinsabu fil-kitbiet ta' Isaija profeta. Hemm ukoll it-tielet ħsieb, it-teoloġija tal-profeta Ġeremija u li din hija qrib ħafna tat-teoloġija sapjenzjali. Dan il-kurrent qiegħed l-aktar fl-aħħar sekli tat-Testment il-Qadim.

Ġesù qal, "Dan il-kalċi huwa l-patt il-ġdid b'demmi" (Lq 22,20). Hekk Ġesù qed japplika l-wegħda ta' patt ġdid imbassar u msaħħaħ mill-profezija ta' Ġeremija: "Araw, għad jiġi żmien, oraklu tal-Mulej, meta jien nagħmel patt ġdid ma' dar Israel u dar Ġuda" (Ġer 31,31). Dan il-profeta qed jipprevedi alleanza ġdida u li ċ-ċentru ta' dan mhux le s-Sinaj, imma Sijon. Veru li huma żewġ muntanji imma bejniethom hemm differenzi kbar tassew. Il-liġi ta' dan kollu se tkun miktuba fuq it-



twavel tal-qalb mibnija fuq il-maħfra tad-dnubiet.

Ġesù għamilha ċara li waqt il-mument tal-mewt tiegħu titwettaq din l-alleanza ġdida, u dan isir billi hu jikteb f'qalbna bid-demm tiegħu stess l-liġi l-ġdida. "Nagħtikom kmandament ġdid, li tħobbu lil xulxin. Bħalma ħabbejtkom jien, hekk ukoll ħobbu intom lil xulxin." (Ġw 13,34).

## Ċena, salib u qawmien

Jekk sa issa urejna r-rabta li hemm bejn l-aħħar ikla ta' Ġesù u s-salib, impliċitament hemm imdaħħal ukoll il-qawmien. Mhux biss iċ-ċena u s-salib ma jinfirdux minn xulxin, imma wkoll ċena, salib u qawmien jiffurmaw il-misteru sħiħ u komplut tal-Għid il-Kbir, jew il-Mogħdija tal-Mulej. It-teoloġija kollha marbuta mas-salib toħroġ fil-qawmien, għaliex il-qawmien huwa r-risposta divina tal-interpretazzjoni tas-salib. It-teoloġija tas-salib hija wkoll teoloġija tal-Għid - Mogħdija, teoloġija ta' ferħ rebbieħ ukoll f'dan il-wied ta' dmugħ. Hija teoloġija ta' rebħa assoluta u dejjiema.

Diġà ħriġna għad-dawl li ċ-ċena kienet l-antiċipazzjoni ta' mewt vjolenti. "Id-demm li jixxerred għalikom" (Lq 22,20). Ukoll is-salib mingħajr l-azzjoni taċ-ċena, u ċ-ċena mingħajr ir-realtà tas-salib kienu jkunu battala u ma fihom ebda qawwa spiritwali. Issa hemm bżonn li nżidu li ċ-ċena tħabbar ukoll il-qawmien, mela dik iċ-ċertezza li l-imħabba





hija wisq aktar qawwija mill-mewt. Dan il-ġest ta' mħabba sal-aħħar hija dik it-transustantazzjoni tal-mewt, dik il-bidla radikali, dik il-qawwa ħierġa mill-qawmien diġà preżenti fid-dell tal-mewt.

Iċ-ċena mingħajr is-salib, u s-salib mingħajr iċ-ċena kienu jkunu bla tifsira ta' xejn, iżda wkoll dawn it-tnejn mingħajr il-qawmien kienu jkunu tama mgħarrqa fil-baħar għamieq. L-immaġni tal-kustat minfud, għajn ta' ilma u demm, din hija wkoll immaġni tal-qawmien, tal-imħabba aktar qawwija mill-mewt.

Mill-Ewkaristija aħna nieħdu l-imħabba, il-mediċina tal-immortalità. L-Ewkaristija tmexxina lejn il-għajn tal-vera ħajja, tal-ħajja li ma tintrebaħx. Din il-vera ħajja ma tinsabx fil-għana jew f'dak li wieħed jippossjedi. Huwa biss jekk nimxu wara Ġesù fit-triq tas-salib li nkunu nimxu fit-triq vera u żgura, għaliex it-triq tas-salib twassal għal qawmien; kif 'il-fuq mill-Kalvarju hemm il-qabar vojt u dejjem miftuħ tal-qawmien ta' Ġesù.



# L-EŻORĊIŻMI TA' ĠESÙ FIL-VANĠELU SKONT SAN MARK (2)

*Marcello Ghirlando*

Fil-ħarġa li għaddiet diġà kellna okkażjoni nitkellmu b'mod ġenerali fuq il-Vanġelu skont San Mark. Nerġa' ntenni: il-Bxara t-Tajba skont San Mark, hija fil-fatt kitba/esperjenza li trid tagħmel lill-qarrej mistoqsija, 'Min hu Ġesù?'; u bil-kitba/esperjenza tagħti wkoll it-tweġiba ċara: 'Dan il-bniedem kien tassew Bin Alla!' (Mk 15, 39).

Hu għalhekk li San Mark jagħġen flimkien ir-rakkonti li ġew mgħoddija lilu mit-tradizzjoni nisranija bikrija u permezz tagħhom jipprova jqiegħed il-qarrej quddiem Ġesù. U quddiem Ġesù il-qarrej huwa mistieden jagħraf pass pass in-natura vera tal-Messija biex jasal jemmen fih bil-fidi. Fil-manifestazzjoni għal kollox ġdida tal-Iben ta' Alla magħmul bniedem, li juri l-qawwa u l-verità tiegħu fis-Salib, il-qarrej huwa mistieden jinża' minn kull idea jew preġudizzju u jasal fil-fidi biex jifhem min hu Ġesù u jilqgħu bil-fidi, fidi li mbagħad tagħti qawwa u tnissel ħajja ġdida mlaqqma fil-ħajja tal-Iben ta' Alla.

Il-folol tal-Vanġelu, l-appostli, kollha jieħdu fuqhom l-atteġġjamenti li jsiru wkoll tal-qarrej tal-Vanġelu. Quddiem Ġesù li jfejjaq ir-raġel li kellu spirtu ħażin isaqsu: "Dan x'inhu? X'tagħlim ġdid mogħti bis-setgħa!" (1:27). Quddiem Ġesù li jsikket it-tempesta jsaqsu: "Dan min hu, mela, biex saħansitra r-riħ u l-baħar jisimgħu minnu?" (4:41). L-aġir ta' Ġesù kontinwament joħloq l-istagħġib li jwassal għad-domanda, "Dan min hu?" (2:11; 5:42; 6:51; 7:37 eċċ). Kif għidna: dan kollu jwassal biex wieħed mhux biss jidħol fl-atteġġjamenti ħajja tal-personaġġi kollha tal-Vanġelu, imma li magħhom jagħraf pass pass lil Ġesù l-Iben ta' Alla u wara l-esperjenza tas-Salib, jasal biex jistqarr: 'Dan il-bniedem kien tassew Bin Alla!' (15:39).

## L-imxajtan f'Ġerasa

Ma nistgħux ma ngħidux kelma fuq dak li jiġri immedjatament qabel it-tieni eżorċiżmu solenni ta' Ġesù fil-Vanġelu skont San Mark. Ġesù jsikket it-tempesta, ġrajja li fil-fatt, bħal donnha tħejji għall-eżorċiżmu li jiġi wara.

It-test bibliku huwa sabiħ immens: "Dakinhar, xħin sar filgħaxija qalilhom: «Ejjew naqsmu għax-xatt l-ieħor.» Ħallew in-nies,






u ħaduh magħhom kif kien fid-dgħajsa; u marru miegħu dgħajjes oħra. U qam riefnu kbir, u l-mewġ beda tiela' għal ġod-dgħajsa, hekk li kienet ġa bdiet timtela bl-ilma. Hu kien fil-poppa, rieqed fuq imħadda. Qajmuh u qalulu: «Mgħallem, dan qisu m'hu xejn għalik li aħna se nintilfu?» Imbagħad qam, ordna lir-riħ u qal lill-baħar: «Iskot! Biżżejjed!» U r-riħ waqaf u waqgħet kalma kbira.

U qalilhom: «Dal-biża' kollu għaliex? Mela ma għandkomx fidi?» U qabadhom biża' kbir, u bdew jgħidu lil xulxin: «Dan min hu, mela, biex saħansitra r-riħ u l-baħar jisimgħu minnu?»

Ġesù "jordna" lir-riħ, u lill-baħar jikkmandah "Jiskot", bħalma jagħmel lill-ispirti l-ħżiena fl-eżorċiżmi tiegħu. Qisu l-baħar kien xi fossa ta' spirti ħżiena li riedu bħal jibilgħu lill-Qaddis ta' Alla. Fil-verità, il-bniedem tal-Bibbja dejjem qies il-baħar bħala fossa ta' ħażen u l-mostru tal-baħar li Alla biss jista' jirbaħ (Salm 89:10-11; 93:3-4; 104:25-26). Ġesù, bħal Alla, huwa rebbieħ... "u r-riħ waqaf u waqgħet kalma kbira".

Ejjew nagħtu issa titwila lejn it-tieni eżorċiżmu solenni li Ġesù jagħmel ma' raġel imxajtan f'Ġerasa. Anke hawn, ir-rakkont juri min hu Ġesù, mogħni b'kelma qawwija. Tant qawwija li ħelset imxajtan gravi. Forsi l-agħar każ ta' persuna maħkuma minn spirti ħżiena fil-Vanġeli kollha.

Hekk jikteb San Mark: "Waslu x-xatt l-ieħor tal-baħar u ġew fil-pajjiż tal-Gerasin. Kif niżel mid-dgħajsa, resaq fuqu wieħed, li ħareġ mill-oqbra, li kien maħkum minn spirtu ħażin. Dan kien jgħammar fl-oqbra, u ħadd ma kien jista' jżommu marbut, lanqas b'katina, għax bosta drabi laħqu rabtuh bix-xkiel u bil-ktajjen u hu kien jaqsam il-ktajjen u jkisser ix-xkiel, u ħadd ma kellu l-ħila jżommu. Lejl u nhar kien il-ħin kollu joqgħod qalb l-oqbra jew fuq il-muntanji, jixher u jqatta' ġismu biż-żrar.

Kif lemaħ lil Ġesù mill-bogħod ġera lejh, nxteħet fl-art quddiemu, u għajjat b'leħen qawwi u qallu: «Aħna x'għandna x'naqsmu, Ġesù, Bin Alla l-Għoli? Aħlifli fuq Alla li ma taħqarnix!» Għax kien qallu: «Oħroġ, ja spirtu ħażin, minn dan il-bniedem!» Imbagħad staqsih: «X'jismek?» «Leġjun

jisimni,» wieġbu, «għax aħna ħafna.» U beda jitolbu bil-ħerqa biex ma jkeċċihomx barra mill-pajjiż.

Mela kien hemm merħla kbira ta' qżieqeż tirgħa mal-ġenb ta' l-għolja, u l-ispirti talbuh ħafna u qalulu: «Ibgħatna lejn il-qżieqeż ħa nidħlu fihom.» U ħallihom imorru. L-ispirti ħżiena ħarġu, u daħlu fil-qżieqeż; u l-merħla, li kienet ta' madwar elfejn ras, nxteħtet għal ġol-baħar mill-għoli tax-xaqliba u għerqet fil-baħar. Ir-rgħajja tagħhom ħarbu u marru jxerrdu l-aħbar mal-belt u l-irziezet, u n-nies ġiet tara x'ġara.

Ġew ħdejn Ġesù, u lil dak li qabel kien maħkum mix-xitan u li kellu l-leġjun ġo fih rawh bilqiegħda, liebes u moħħu f'sikktu, u baqgħu miblugħin bil-biża'. In-nies li raw il-ġrajja qalulhom x'kien għadda minn għala l-imxajtan u l-qżieqeż. Imbagħad bdew jitolbuh ħafna lil Ġesù biex iwarrab minn pajjiżhom. Kif kien tiela' fuq id-dgħajsa, dak li qabel kien maħkum mix-xitan beda jitolbu ħafna biex iħallih jibqa' miegħu. Iżda hu ma ħallihx, u qallu: «Mur inġabar id-dar ma' niesek, u għidilhom kull ma għamel miegħek il-Mulej, u kif ħenn għalik.» Dak telaq, u beda jxandar fid-Dekapoli kemm kien għamel miegħu Ġesù. U kulħadd stagħġeb" (Mk 5:1-20).

Il-laqgħa ta' Ġesù mal-imxajtan issir fil-pajjiż tal-Gerasin. Qegħdin fir-reġjun ġeografiku tad-Dekapoli, dik iż-żona n-naħa tal-lvant tax-xmara Ġordan fejn kien hemm għaxart ibliet li fihom ma kenitx tiġi osservata l-Liġi ta' Mosè. Huwa "il-pajjiż mbiegħed" fejn l-iben il-ħali tal-parabbola ta' Luqa 15 mar iberbaq ġid missieru u fejn spiċċa jirgħa l-ħnieżer (Lq 15:13.15), ħaġa li l-Lhud, minħabba l-liġijiet reliġjużi tagħhom ma kinux jagħmlu għax kien projbit li jieklu l-laħam tal-majjal. Dan diġà jgħinna nifhmu, li fost l-intenzjonijiet tan-narratur, dan l-eżorċiżmu kellu jkun sinjal qawwi li fejn jasal Ġesù, kull tip ta' tniġġis



ritwali u razzjali jintemm fix-xejn.

Ir-raġel imxajtan huwa inkarnazzjoni ta' kull impurità: eskluż mill-komunità, igħix qalb l-oqbra, bi spirtu ta' qerda tiegħu nnifsu, vjolenti u maħkum mill-ispirti ħżiena kollha immaġinabbli! Id-deskrizzjoni twila li jagħti San Mark hija kważi deskrizzjoni tal-biża': "... wieħed, li ħareġ mill-oqbra, li kien maħkum minn spirtu ħażin. Dan kien jgħammar fl-oqbra, u ħadd ma kien jista' jżommu marbut, lanqas b'katina, għax bosta drabi laħqu rabtuh bix-xkiel u bil-ktajjen u hu kien jaqsam il-ktajjen u jkisser ix-xkiel, u ħadd ma kellu l-ħila jżommu. Lejl u nhar kien il-ħin kollu joqgħod qalb l-oqbra jew fuq il-muntanji, jixher u jqatta' ġismu biż-żrar". San Mark isemmi "l-oqbra" tliet darbiet: wieħed jista' jgħid illi s-sitwazzjoni tar-raġel mhux biss kienet waħda gravi; kien qisu maħkum mill-istess mewt infisha..mewt li Ġesù kellu jiġġildilha u jirbaħha bil-qawwa tas-salib.

Il-konfront ma' Ġesù u l-qawwa tal-ħażen preżenti fl-imxajtan hija drammatika: huwa r-raġel li, wara li lemaħ lil Ġesù mill-bogħod, jiġri lejh u jinxteħet mal-art quddiemu..u Ġesù, li ma kellux bżonn spjegazzjonijiet fuq il-qagħda tar-raġel, bil-qawwa ta' kelmtu jikkmanda lill-ispirtu ħażin. L-istqarrija tal-ispirti, mogħtija b'leħen qawwi, bħal dik tal-ispirtu ħażin fis-sinagoga ta' Kafarnahum hija għal darb'oħra ċarissima: «Aħna x'għandna x'naqsmu, Ġesù, Bin Alla l-Għoli? Aħlifli fuq Alla li ma taħqarnix!» Għax kien qallu: «Oħroġ, ja spirtu ħażin, minn dan il-bniedem!»

Huwa interessanti li hawnhekk, l-unika darba fil-Vanġeli, Ġesù jitlob l-isem lill-ispirtu ħażin: "Mbagħad staqsih: 'X'jismek?' 'Leġjun jisimni,' wieġbu, 'għax aħna ħafna.' U beda jitolbu bil-ħerqa biex ma jkeċċihomx barra mill-pajjiż". Ġesù juri l-qawwa tiegħu fil-fatt li mhux biss jitlob l-isem lix-xitan imma għax b'hekk joħorġu aktar għad-dawl. U fid-dawl tiegħU, id-dlam ma jreġix u jkollu jitlaq minnufih.

Il-ġrajja tal-ispirti li Ġesù jħallihom imorru fil-qżieqeż tfixkel lil ħafna: l-ispirtu, anke jekk jipprova jibqa' fid-dinja, jaf li quddiem il-qawwa ta' Ġesù se jkun



tellief; it-telfa u l-qerda aħħarija tiegħu huma ċerti u jidhru fil-kliem: "L-ispirti ħżiena ħarġu, u daħlu fil-qżieqeż; u l-merħla, li kienet ta' madwar elfejn ras, nxteħtet għal ġol-baħar mill-għoli tax-xaqliba u għerqet fil-baħar". Ġesù huwa dak li 'jorbot il-qawwi u jaħtaflu daru' (3:27), u jibagħtu fil-baħar, il-fossa tal-qerda u tal-ħażen!

## Twelid mill-ġdid

L-eżorċiżmu ta' Ġesù jagħti, fil-veru sens tal-kelma, twelid ġdid lil dak li kien għadu kif inħeles minnu. Il-qagħda tiegħu hija bil-wisq differenti minn dik deskritta fil-bidu tar-rakkont; "dak li qabel kien maħkum mix-xitan u li kellu l-leġjun ġo fih rawh bilqiegħda, liebes u moħħu f'sikktu, u baqgħu miblugħin bil-biża'".

Minkejja dan, ir-rgħajja li kienu ħarbu u li ġabu magħhom in-nies tal-ibliet u tal-irziezet, minkejja l-istagħġib tagħhom quddiem din il-bidla radikali, minkejja x-xhieda li ngħatatilhom minn dawk li kienu raw il-ġrajja, "bdew jitolbuh ħafna lil Ġesù biex iwarrab minn pajjiżhom". X'reazzjoni negattiva! Forsi kien wisq għalihom jagħmluha ma' dan Ġesù li kien kapaċi jaqleb ta' taħt fuq l-eżistenza ta' bniedem?

Ir-reazzjoni tar-raġel kienet għal kollox differenti tant li anke hu "beda jitolbu ħafna", mhux biex jitlaq imma "biex iħallih jibqa' miegħu", jiġifieri jkun dixxiplu tiegħu. Imma Ġesù "ma ħallihx", ried li jibqa' f'daru u fost niesu, biex ir-raġel meħlus jibqa' fosthom kelma qawwija u sejħa għall-konverżjoni. Għalhekk San Mark jikteb: «Mur inġabar id-dar ma' niesek, u għidilhom kull ma għamel miegħek il-Mulej, u kif ħenn għalik.» Dak telaq, u beda jxandar fid-Dekapoli kemm kien għamel miegħu Ġesù. U kulħadd stagħġeb".

Il-meħlus isir missjunarju; il-kelma ħelliesa ta' Ġesù ssir l-ixprun għat-tixrid tal-Bxara t-Tajba f'art pagana, fid-Dekapoli. "Kulħadd stagħġeb" b'dan ir-raġel li sar ikona ħajja tal-Vanġelu li kapaċi jfejjaq, jeħles u jwelled mill-ġdid lil kull min jemmen fiH.

*(Ikompli)*



# IL-VERITÀ FL-EVANĠELJU SKONT SAN ĠWANN

*Martin Micallef OFMCap*

Wieħed mill-kunċetti li jiddistingwu ruħhom fl-Evanġelju skont San Ġwann huwa dak tal-"verità." Fil-fatt, kliem bil-Grieg għall-"verità" [f'dan il-każ imnisslin mill-għerq *aleth-*] insibuhom użati aktar spiss f'dan l-Evanġelju milli fil-kotba l-oħra tat-Testment il-Ġdid.[1] Il-mistoqsija provokatorja ta' Pilatu lil Ġesù: "Il-verità x'inhi?" (Ġw 18:38),[2] hija l-aktar

eżempju kkwotat ta' dan il-lingwaġġ tal-verità użat f'dan l-Evanġelju. Din hija mistoqsija li qajmet diskussjoni fost l-istudjużi ta' dan l-Evanġelju minħabba li ma nsibux tweġiba immedjata għaliha, bħallikieku din hija mistoqsija li qatt ma saret. F'dan l-artiklu se naraw kif meta l-qarrejja ta' dan l-Evanġelju jagħtu attenzjoni għall-użu aktar wiesgħa tal-lingwaġġ tal-"verità" kif inhu użat hawn, jiskopru li t-tweġiba għal din il-mistoqsija ta' Pilatu hija ovvja u espliċita biżżejjed, b'mod illi Ġesù ma kellux għalfejn iwieġeb għaliha.

L-Evanġelju kollu ta' San Ġwann huwa narrativa li jwieġeb għall-kunċett tal-verità, filwaqt li jurina kif il-verità toriġina mir-relazzjoni trittika bejn il-Missier-l-Iben-l-Ispirtu, u tirrealizza ruħha fir-relazzjoni bejn l-Iben u dawk li jemmnu fih.

## Alla hu l-Verità

Fl-Evanġelju skont San Ġwann insibu erba' testi li jinkludu fihom direttament jew indirettamet l-istqarrija li Alla hu verità. Ġw 3:33 huwa l-ewwel użu espliċitu tal-lingwaġġ tal-verità fir-rigward ta' Alla. Hekk naqraw f'3:33 "Min ikun laqa' x-xhieda tiegħu jkun wettaq li Alla hu *verità* [bil-Grieg: *alethes*]."[3] F'kelma oħra, ladarba Ġesù kien qed jitkellem f'isem Alla, li taċċetta lil Ġesù u dak li jgħid ifisser, li tkun qed taċċetta wkoll dak li Alla jgħid. U billi taċċetta l-validità ta' dak li jgħid Ġesù, tkun qed tafferma li Alla hu verità.



It-tieni test huwa 7:28, "Ġesù, huwa u jgħallem fit-tempju, għolla leħnu u qal: 'Intom lili tafuni, u tafu wkoll minn fejn jien. Jiena ma ġejtx minn rajja, imma hemm wieħed *tassew* [bil-Grieg: *alethinos* ]li bagħatni, wieħed li intom ma tafuhx.'"[4] Dan il-vers jagħmel parti minn konfrontazzjoni ta' Ġesù ma' xi nies minn Ġerusalemm (vv. 25-31) li kienu jafu li Ġesù qajjem bosta kontroversji, tant illi saħansitra kienu ppurvaw joqtluh (v.25). Għalhekk minħabba li ħadd ma waqqaf lil Ġesù meta kien qed jippriedka, dan wassal biex dawn jistaqsu jekk Ġesù kienx tassew il-Messija - anke jekk emmnu li ma setax ikun li hu l-Messija minħabba l-orġini tiegħu. Ġesù għalhekk iwieġeb li huma ma kinux jafuh, kif lanqas ma kienu jafu minn fejn hu. Huwa juri li kien il-Missier li bagħtu, filwaqt li jafferma li dak li bagħtu huwa l-verità/is-sewwa (v.28).

It-tielet test huwa 8:26, "Għandi ħafna xi ngħid fuqkom u x'nikkundanna



fikom; iżda dak li bagħatni jgħid *il-verità* [bil-Grieg: *alethes*], u jiena ngħid lid-dinja dak li smajt mingħandu."[5] Dan il-vers jagħmel parti minn konfrontazzjoni ta' Ġesù mal-"Lhud" (vv. 21-30). Ġesù jgħidilhom li huwa kien se jitlaq u li huma ma setgħux imorru miegħu. Huma ma jifhmux għal xiex eżatt kien qed jirreferi. Minħabba f'hekk, Ġesù jispeċifika dak li diġà kien qal, jiġifieri li hu ġie mis-sema jew minn fuq. Il-bażi ta' dan kollu, igħid Ġesù, hija li huwa kien mibgħut minn Alla. Il-verità ta' Alla għalhekk tivvalida jew tati garanzija għall-kliem ta' Gesù. Minħabba f'hekk nistgħu nifhmu kif Gesù jidentifika lilu nnifsu biss f'termini tar-relazzjoni tiegħu mal-Missier.[6]

Ir-raba' test huwa 17:3, "Din hi l-ħajja ta' dejjem, li jagħrfu lilek, Alla waħdek *veru* [bil-Grieg: *alethinon*][7] u lil Ġesù Kristu, li inti bgħatt." Din is-sentenza tagħmel parti mit-talba saċerdotali ta' Ġesù waqt l-aħħar ċena[8] li fiha huwa jitlob għalih innifsu, għad-dixxipli tiegħu, u għal dawk li kellhom jemmnu fih. Ġesù jibda din it-talba billi l-ewwel jindirizza lil Alla, il-Missier tiegħu. Ġesù kien jaf li s-siegħa tiegħu kienet waslet, għalhekk jitlob biex Alla jigglorifikah. Huwa jagħraf li Alla kien tah is-setgħa, u allura jitlob sabiex ikollu l-qawwa li jagħti l-ħajja ta' dejjem. Ġesù jiddefinixxi l-ħajja ta' dejjem bħala dik li tagħraf lil Alla waħdu u *veru* u lil dak li bagħat, Ġesù Kristu. F'dan il-kuntest ta' 17:3, il-kelma "verità" hija użata bħala attribut ta' Alla. Dan hu l-uniku u *veru* Alla. Alla hu l-verità, imma din il-verità issa twasslitilna permezz ta' Ibnu Ġesù li Alla bagħat fid-dinja.

## Ġesù hu l-Verità

Fl-Evanġelju skont San Ġwann mhuwiex Alla biss li hu deskritt bl-użu tal-lingwaġġ tal-verità; lingwaġġ jixbah lil dan jintuża wkoll għal Ġesù f'dan l-istess Evanġelju. Dan narawh l-aktar f'erba' testi ewlenin li jiddiskrivu lil Ġesù fir-relazzjoni tiegħu mal-verità. L-ewwel test insibuh fil-Prologu,[9] fejn ninnutaw progress mill-kunċett tal-*Logos* għax-xhieda tal-istess *Logos,* għall-inkarnazzjoni tal-*Logos.* Fil-Prologu naqraw li Ġwanni l-Battista ma kienx id-dawl, iżda li hu ġie biex jagħti xhieda għad-dawl. Dan id-dawl imbagħad hu msejjaħ "id-dawl *veru* [bil-Grieg:

*alethinon*]"[10] (1:9) li jdawwal lil kull bniedem. It-tifsira ta' din l-espressjoni hawnhekk hija li l-*Logos* hu dawl "veru" jew "ġenwin" f'kuntrast ma' Ġwanni l-Battista li ma kienx hu d-dawl.[11] Minkejja li l-identità ta' dan id-dawl, u allura tal-inkarnazzjoni, ma naqrawx dwarha qabel il-vers 14, il-Prologu jkompli jitkellem fuq il-preżenza tal-*Logos* fid-dinja, fuq il-qawwiet kreattivi tiegħu, fuq il-fatt li ġie miċħud min-niesu stess, u kif ġie milqugħ minn xi wħud. Meta mbagħad naqraw li l-*Logos* sar "laħam," insibu li f'dan l-istess *Logos* hemm "glorja" bħala l-uniku Iben tal-Missier, u li hu "mimli bil-grazzja u l-*verità* [bil-Grieg: *alethesias*]"[12] (v.14).

Din il-frażi "mimli bil-grazzja u l-verità" qajmet diskussjoni li ħafna minnha tikkonċentra fuq l-isfond konċeptwali tat-Testment il-Qadim għall-użu tal-kelma "verità" fil-lingwaġġ tal-Evanġelju skont San Ġwann.[13] Ħafna studjużi jaslu għall-konklużjoni li permezz ta' din l-espressjoni, ir-Raba' Evanġelista ried ifisser li Ġesù hu mimli "bir-realtà divina."[14] L-espressjoni tal-Iben inkarnat, "mimli bil-grazzja u l-verità" hija repetuta fil-v.17, imma f'kuntrast mal-liġi mogħtija permezz ta' Mosè issa naqraw li "il-grazzja u l-verità seħħew permezz ta' Ġesù Kristu." Donnu li b'din l-espressjoni, l-Evanġelista ried juri s-superjorità ta' Ġesù fuq Mosè, jew aħjar is-superjorità tad-don mogħti minn Ġesù għad-don mogħti permezz ta' Mosè.[15]

It-tieni test huwa Ġw 5:31-33. "Kieku jien kelli nagħti xhieda fuqi nnifsi, ix-xhieda tiegħi ma kinitx tkun *minnha* [bil-Grieg: *alethes*]. Hemm ħaddieħor li jagħti xhieda fuqi, u jiena naf li x-xhieda li jagħti fuqi hu hi *minnha* [bil-Grieg: *alethes*]. Intom bgħattu tistaqsu lil Ġwanni, u hu ta xhieda għall-*verità* [bil-Grieg: *aletheia*]."[16] Il-kuntest ta' din is-silta huwa wieħed ta' akkuża: Ġesù kien qed jiġi akkużat li kien qed jagħmel lilu nnifsu daqs Alla (5:18). Ġesù jgħid illi jekk huwa jagħti xhieda għalih innifsu, ix-xhieda tiegħu





mhijiex vera jew valida. Din mhijiex l-ewwel darba f'dan l-Evanġelju fejn naqraw kif Ġesù jsaħħaħ ix-xhieda dwar l-identità tiegħu permezz ta' xhieda oħra. Hawnhekk Ġesù skont il-liġi Lhudija, jipprovdi x-xhieda ta' tnejn oħra sabiex isaħħaħ dak li kien qed jgħid. L-ewwel xhud tiegħu huwa Alla nnifsu, li jagħti xhieda vera dwaru. Imbagħad Ġesù jsemmi lil Ġwanni l-Battista bħala dak li wkoll ta xhieda għall-verità.

It-tielet test huwa Ġw 8:14.16. "Weġibhom Ġesù: 'U wkoll kieku kelli nixhed jien għalija nnifsi, ix-xhieda tiegħi kienet *tgħodd* [bil-Grieg: *alethes*], għax jiena naf minn fejn ġej jew fejn sejjer. Imma kieku kelli nagħmel ħaqq jien, il-ħaqq tiegħi kien ikun *sewwa* [bil-Grieg: *alethine*], għax jien m'iniex waħdi, imma miegħi għandi l-Missier li bagħatni.'"[17] Qabel ma ħabbar it-tluq tiegħu lura għand il-Missier, Ġesù kellu konfrontazzjoni mal-Fariżej li jakkużawh li x-xhieda tiegħu mhijiex vera jew valida (8:13). Bi tweġiba, Ġesù jżomm li x-xhieda tiegħu hija vera/minnha (v.14) minħabba li hu kien jaf min kien, minn fejn ġie u fejn kien sejjer. Iżda huma ma kinux jafu min kien, minħabba li ma kinux jafu min hu dak li bagħtu, jiġifieri lill-Missier jew Alla li qed jerġa' jiġi muri bħala dak li jivvalida x-xhieda vera ta' Ġesù. Ġesù mbagħad ikompli jtenni li l-ġudizzju tiegħu ukoll huwa "veru" (v.16) minħabba li huwa mħallef flimkien ma' Alla. Il-kliem ta' Ġesù dwar ix-xhieda tiegħu bħala waħda "vera" mela, hija mqiegħda hawn f'kuntest aktar wiesgħa fejn Ġesù jitkellem fuq ir-relazzjoni tiegħu mal-Missier li bagħtu.

Ir-raba' test imbagħad insibuh fi Ġw 14:6, "Wieġbu Ġesù: 'Jiena hu t-Triq, il-*Verità* [bil-Grieg: *aletheia*], u l-Ħajja. Ħadd ma jmur għand il-Missier jekk mhux permezz tiegħi.'"[18] Dan il-vers flimkien ma' Ġw 18:38, aktarx li huwa l-aktar test magħruf f'dan l-Evanġelju li jitkellem fuq il-kunċett tal-verità. Ġesù jtenni din id-dikjarazzjoni fil-kuntest tal-aħħar ċena waqt li kien miġbur ma' dawk li huwa ħabb sal-aħħar. Huwa jgħidilhom li kien sejjer

sabiex iħejjilhom post, u li kien se jirritorna ħalli jeħodhom miegħu. Meta Tumas jesprimi d-dubju tiegħu dwar jekk kinux jafu fejn kien sejjer Ġesù, Ġesù jwieġeb billi jiddikjara li hu nnifsu hu t-triq, il-verità u l-ħajja, u li ħadd ma seta' jmur għand il-Missier jekk mhux permezz tiegħu.[19]

## L-Ispirtu tal-Verità

Wara li ddiskutejna l-lingwaġġ tal-verità fir-rigward ta' Alla u ta' Ibnu Ġesù fl-Evanġelju skont San Ġwann, issa jmiss li nitkellmu mill-Ispirtu. Hemm tliet siltiet marbuta mal-Paraklitu jew l-Ispirtu bħala l-verità f'dan l-istess Evanġelju.[20] Il-lingwaġġ użat f'dawn it-tliet siltiet sabiex jirreferi għal din il-figura huwa wieħed identiku.

L-ewwel silta hija dik meħuda minn Ġw 14:6 fejn Ġesù, kif diġà rajna, jistqarr li hu t-triq, il-verità u l-ħajja. Huwa mbagħad ikompli jkellem lid-dixxipli tiegħu u jgħallimhom li kellhom jistennew xi ħaddieħor li kellu jkun l-avukat tagħhom, "il-Paraklitu" jsejjaħlu Ġesù: "U jiena nitlob lill-Missier, u hu jagħtikom Difensur ieħor biex jibqa' magħkom għal dejjem" (14:16). Ġesù mbagħad isejjaħ lil dan id-Difensur "l-Ispirtu tal-Verità" [bil-Grieg: *to pneuma tes aletheias*] (v.17) li d-dinja ma tistax tilqa' minħabba li ma tistax taraħ jew tagħrfu. Kuntrarju għal dan, id-dixxipli jsiru jafuh minħabba li hu jibqa' magħhom sakemm Ġesù jerġa' lura għandhom.[21] F'siltiet oħra fit-Testment il-Ġdid l-Ispirtu huwa ppreżentat bħala l-Ispirtu Qaddis, imma għar-Raba' Evanġelista hija l-verità li tikkaratteristika lil Alla, lill-Iben u lill-Ispirtu. Kif diġà rajna, mela, Alla hu l-verità, hekk ukoll Ġesù huwa l-verità. Issa r-Raba' Evanġelista jinkludi lill-Ispirtu b'dan l-istess attribut.

It-tieni test huwa Ġw 15:26. "Meta jiġi d-Difensur, li se nibgħatilkom mingħand il-Missier, *l-Ispirtu tal-verità*, [bil-Grieg: *to pneuma tes aletheias*] li ġej



mill-Missier, huwa jixhed għalija."[22] Il-funzjoni tal-Paraklitu bħala medjatur issir aktar ċara f'15:26 meta Ġesù issa jgħid lid-dixxipli tiegħu li l-Paraklitu kien se jintbagħatilhom mill-Missier permezz ta' Ġesù nnifsu. Hawnhekk ukoll il-Paraklitu jiġi msejjaħ bħala "l-Ispirtu tal-Verità." Ġesù li kien se jitla' għand il-Misiser, iħalli lill-avukat/Paraklitu, l-Ispirtu tal-Verità, li jiġi mill-Missier imma li jingħata permezz tal-Iben.

It-tielet test huwa Ġw 16:13. "Meta jiġi hu, *l-Ispirtu tal-verità* [bil-Grieg: *to pneuma tes aletheias*], iwassalkom għall-*verità* [bil-Grieg: *aletheia*] kollha; għaliex hu ma jgħid xejn minn tiegħu, imma jgħid dak li jisma', u jħabbrilkom il-ġejjieni."[23] Fil-versi 14-15 tal-Kapitlu 16, Ġesù jkompli l-kummenti tiegħu fuq it-tluq tiegħu, filwaqt iżda li jassigura lid-dixxipli li kien se jibgħatilhom il-Paraklitu fir-rwol tiegħu ta' avukat jew bħala dak li kellu jiddefendihom. Il-Paraklitu kellu jintbagħat minn Ġesù bil-funzjoni li jakkuża lid-dinja bid-dnub, il-ġustizzja u l-ġudizzju (v.8). Dan hu l-ispritu tal-verità li kellu jmexxi lid-dixxipli lejn il-verità (v.13). Ir-raġuni għaliex l-Ispirtu seta' jagħmel dan hija għax dak li kien se jgħid, kien dak li huwa sema' mingħand Ġesù.

## Konklużjoni

Sa ċertu punt kif rajna, l-Evanġelju ta' San Ġwann kollu huwa tweġiba għall-mistoqsija ta' Pilatu lil Ġesù: "Il-verità x'inhi?" (Ġw 18:38). Fil-kuntest immedjat mhemmx tweġiba sempliċi jew espliċita għal din il-mistoqsija. Għalhekk, din il-mistoqsija timmarka għeluq patetiku għad-diskussjoni bejn Ġesù u Pilatu. F'dan il-punt, Pilatu li mhuwiex min-naħa tal-verità, huwa l-uniku wieħed li ma jafx x'inhi l-verità, jew aħjar min hi. Din hi l-ironija li joħloq l-Evanġelista hawnhekk.[24]

Matul l-Evanġelju kollu nsibu preżentazzjoni



konsistenti tal-verità permezz ta' referenzi espliċiti għall-verità u bl-użu ta' kliem bil-Grieg li għandu l-għerq tagħhom *aleth-*. Dan il-kliem insibuh mifrux fil-Kapitli 1,3,4,5,7,8,14,15,16,17,18 u 21. F'kelma oħra, f'aktar minn nofs tal-Kapitli ta' dan l-Evanġelju nsibu diskussjoni speċifika fuq il-kunċett tal-verità. Mhux ta' b'xejn li xi studjużi identifikaw "il-verità" bħala wieħed mill-kunċetti ewlenin ta' dan l-Evanġelju. Minn din l-evidenza nistgħu għalhekk ninnutaw żewġ affarijiet.

L-ewwel u qabel kollox, il-mistoqsija li Pilatu jistaqsi f'18:38 hija ndirizzata lill-persuna proprja. Ir-Raba' Evanġelista jippreżenta lil Ġesù fiċ-ċentru tad-diskussjoni dwar il-verità, filwaqt li jurih bħala l-imgħallem ewlieni tal-verità.[25] Ġesù hu dak li fil-Prologu hu ppreżentat bħala d-dawl li jġib il-verità, hu dak li jiddeskrivi lil Alla, dak li fuq kollox hu l-verità, u bħala dak li jiddeskrivi lill-Paraklitu bħala dak li ġej sabiex jirrappreżentah wara li jerġa' lura għand il-Missier.

F'kelma oħra, id-diskussjoni ewlenija ta' xi tfisser il-verità fl-Evanġelju skont San Ġwann iddur kollha kemm hi fuq Ġesù li jfisser b'modi differenti il-kunċett tal-verità. Huwa jagħmel dan billi jitkellem fuqu nnifsu, fuq Alla, u fuq il-Paraklitu. Għalhekk, meta Pilatu



jistaqsi lil Ġesù l-mistoqsija ta' x'inhi l-verità, huwa kien qed jindirizza din il-mistoqsija lil dak li b'mod ripetittiv spjega l-kunċett permezz tal-azzjonijiet u t-tagħlim tiegħu matul in-narrativa kollha. Minħabba f'hekk, il-mistoqsija ta' Pilatu m'għandhiex taħsad lill-qarrejja ta' dan l-Evanġelju għaliex sa mill-bidu nett tan-narrativa naqraw, li Ġesù hu l-verità li jirrivela din il-verità lill-oħrajn.

It-tieni ħaġa li rridu ninnutaw hija kif il-kuncett tal-verità hu ppreżentat b'mod illi jgħin biex jgħaqqad l-Evanġelju flimkien. Il-kuncett tal-verità jissemma kmieni ħafna sa mill-Prologu, filwaqt li hu magħqud max-xbieha tad-dawl u mal-inkarnazzjoni tal-*Logos.* Ir-referenzi l-oħra li jiġu wara nsibuhom f'postijiet strateġiċi tan-narrativa. Hekk per eżempju, hemm diskussjoni fuq il-kunċett tal-verità f'numru ta' konverżazzjonijiet ta' Ġesù ma' bosta karattri: ma' Nikodemu (3:21), mal-mara Samaritana (4:23), man-nies ta' Ġerusalemm (8:28). Il-preżentazzjoni ta' din il-verità titkompla fil-konfrontazzjonijiet ta'

Ġesù ma' oħrajn dwar it-tluq tiegħu u r-relazzjoni tiegħu mal-Patrijarka Abraham (Ġw 8), fil-kliem tiegħu lid-dixxipli waqt l-aħħar ċena (Ġw 14), fit-talba saċerdotali (Ġw 17), u l-konklużjoni tal-Evanġelju (Gw 21:24).

## Referenzi


1 Hemm 55 referenza għal dawn il-kliem fl-Evanġelju skont San Ġwann. Ara 72A "True, False," in J.P. Louw and E.A. Nida, *Greek-English Lexicon of the New Testament: Based on Semantic Domains,* 2 vols (New York: United Bible Societies, 1989).

2 Il-kelma bil-Grieg: *aletheia* hija tradotta b'modi differenti fil-Malti. Filwaqt li t-Traduzzjoni tal-Bibbja bil-Malti tal-*Għaqda Biblika Maltija* tuża l-kelma "verità," l-edizzjoni tal-*Bibbja Saydon* tuża l-kelma "sewwa."

3 Saydon jittraduċi Ġw 3:33 hekk: "Min jilqa' x-xhieda tiegħu jwettaq li Alla hu tas-sewwa."

4 Kemm Saydon kif ukoll l-*Għaqda Biblika Maltija* jittraduċu l-kelma *alethinos* f'7:28 bħala "sewwa."

5 Saydon jittraduċi hawn il-kelma bil-Grieg *alethes* "sewwa", filwaqt li l-*Għaqda Biblika Maltija* tittraduċi din il-kelma hawnhekk bħala "verità."

6 Ara C.S. Keener, *The Gospel of John: A Commentary,* vol.1 (Peabody, MA: Hendrickson, 2003), 745.

7 Saydon jittraduċi l-kelma *alethinon* hawn bħala "tassew" - "Alla tassew."

8 Jeżistu numru ta' studji fuq it-talba ta' Ġesù waqt l-aħħar ċena. Ara per eżempju, J.W. Pryor, "The Great Thanksgiving and the Fourth Gospel," *Biblische Zeitschrift* 35 (1991): 157-179; G.L. Parsenios, *Departure and Consolation: The Johannine Farewell Discourse in the Light of Greco-Roman Literature,* Novum Testamentum Supplement Series 117 (Leiden: Brill, 2005); D.B. Stevick, *Jesus and His Own: A Commentary on John 13-17* (Grand Rapids: Eerdmans, 2011).

9 Il-bibliografija fuq il-Prologu ta' San Ġwann hija waħda twila. Fost dawn ara, C.K. Barrett, *The Prologue of St John's Gospel: Ethel M. Wood Lecture 1970* (London: Athlone Press, 1971); P.M. Phillips, *The Prologue of the Fourth Gospel: A Sequential Reading:* Library of the New Testament Studies 294 (London: T&T Clark, 2006).

10 Saydon jittraduċi l-kelma bil-Grieg *alethinon* f'1:9 bħala "tassew" - "kien id-dawl *tassew.*"

11 Ara A.C. Thiselton, "Truth," in *New International Dictionary of New Testament Theology,* ed. C. Brown, vol.3 (Grand Rapids: Zondervan, 1975): 893; ara wkoll, Keener, *John,* vol.1, 393.

12 Kemm Saydon kif ukoll l-*Għaqda Biblika Maltija* jittraduċu l-kelma *alethesias* hawnhekk bħala "verità."

13 Ara M.D. Hooker, "John's Prologue and the Messianic Secret," *New Testament Studies* 21 (1974):40-58; H. Mowvley, "John 1:14-18 in the Light of Exodus 33:7-34:35," *Expository Times* 95 (1984): 135-137.

14 R. Schnackenburg, *The Gospel according to St. John,* trans. K. Smyth et al.; vol.1 (London: Burns & Oats, 1968), 273.

15 Numru ta' studji jippreżentaw il-kuntrast sottili lir-Raba' Evanġelista joħloq bejn il-figura ta' Mosè u Ġesù. Ara J.W. Pryor, *John: Evangelist of the Covenant People* (London: Darton, Longman & Todd, 1992), 117-122; S. Harstine, *Moses as Character in the Fourth Gospel: A Study of Ancient Reading Techniques,* Journal for the Study of New Testament Supplement Series 229 (London: Sheffield Academic Press, 2002).

16 Saydon jittraduċi Ġw 5:31-33 hekk: "Jekk jien nixhed għalija nnifsi, ix-xhieda tiegħi *ma tiswiex;* hemm ħaddieħor Ii jixhed għalija, u naf li x-xhieda li jixhed għalija *tiswa.* Intom bgħattu għand Ġwanni, u hu ta xhieda *lis-sewwa.*"

17 Kemm it-traduzzjoni tal-*Għaqda Biblika Maltija* kif

ukoll dik ta' Saydon jaqblu fuq il-mod kif ittraduċew bil-Malti il-verbi marbuta mal-"verità" li nsibu f'dawn iż-żewġ versi.

18 Saydon jittraduċi Ġw 14:6 hekk: "Jiena hu t-triq *is-sewwa* u l-ħajja. Ħadd ma jmur għand il-Missier jekk mhux bija."

19 Hemm diskussjoni twila fost l-istudjużi ta' dan l-Evanġelju dwar l-espressjoni "Jiena hu," inkluż f'dan il-kuntest ta' Ġw 14:6. Fost dawn nistgħu nsemmu, D.M. Ball, *"I Am" in John's Gospel: Literary Function, Background, and Theological Implications,* Journal for the Study of New Testament Supplement Series 124 (Sheffield: Sheffield Academic Press, 1996); R. Bauckham, "Monotheism and Christology in the Gospel of John," in ibid., *The Testimony of the Beloved Disciple: Narrative, History, and Theology in the Gospel of John* (Grand Rapids: Baker, 2007), 239-252.

20 Il-kelma 'Paraklitu' hija użata biss fl-Evanġelju skont San Ġwann fil-Kapitli 14 sa 16. Hawn ukoll insibu diskussjoni twila fost l-istudjużi fuq l-isfond ta' dan it-titlu mogħti lill-Ispirtu s-Santu speċjalment fit-tifsira tiegħu bħala avukat. Ara G.M. Burge, *The Anointed Community: The Holy Spirit in the Johannine Tradition* (Grand Rapids: Eerdmans, 1987); M. Turner, *The Holy Spirit and Spiritual Gifts: Then and Now* (Carlisle: Paternoster, 1996), 57-102; T.G. Brown, *Spirit in the Writings of John: Johannine Pneumatology in Social-Scientific Perspective,* Journal for the Study of New Testament Supplement Series 253 (London: T&T Clark, 2003), 170-234.

21 Fuq il-kunċett tal-Ispirtu bħala l-Paraklitu l-ieħor ara, A.T. Lincoln, *Truth on Trial: The Lawsuit Motif in the Fourth Gospel* (Peabody, MA: Hendrickson, 2000), 111, li jinterpreta l-Paraklitu f'termini forensiċi.

22 Saydon jittraduċi Ġw 15:26 hekk: "Meta jiġi l-Avukat, li jiena nibgħatilkom mingħand Missieri, *l-Ispirtu tas-sewwa* li ġej mill-Missier."

23 Saydon jittraduċi Ġw 16:13 hekk: "Meta jiġi hu, *l-Ispirtu tas-sewwa*, imexxikom fis-*sewwa* kollha, għax hu ma jitkellimx minn rasu, imma jgħid dak li jisma' u jħabbrilkom dak li ġej."

24 Fuq in-nota ironika f'dan il-punt tan-narrativa ara P. Duke, *Irony in the Fourth Gospel* (Atlanta: John Knox Press, 1985), 130.

25 Ara A.T. Lincoln, *The Gospel according to Saint John,* Black's New Testament Commentaries (Peabody, MA: Hendrickson, 2005) fejn jitratta t-tema tal-"verità" b'referenza għall-motif tal-Liġi.



# FORTIZZI KRUĊJATI FL-ART IMQADDSA IL-KASTELL TA' MONTFORT

*Noel Muscat ofm*

Il-Kastell ta' Montfort, bl-Ebrajk *Mivtzar Monfor* u bl-Għarbi *Qal'at al-Qarn* (Kastell tal-Qarn), hu kastell imġarraf tal-era Kruċjata li jinsab fit-tramuntana tal-Galilija, madwar 35 km mill-belt ta' Haifa u 16-il km taħt il-fruntiera ta' Israel mal-Libanu. Il-kastell illum jinsab f'park nazzjonali fir-riserva naturali ta' Nahal Kziv.

L-isem tal-kastell hu Franċiż. Montfort ifisser muntanja qawwija. Hu l-isem li tawh il-Kruċjati. Bil-Ġermaniż il-kastell kien magħruf bħala *Starkenberg*, isem li għandu l-istess tifsira. Il-kastell inbena fuq art li l-Ordni Tewtoniku akkwista mill-familja Franċiża De Milly fl-1220. Hu wieħed mill-eżempji ċari ta' arkitettura militari Kruċjata f'*Outremer*, jew l-artijiet 'il hemm mill-baħar, kif kien magħruf il-Lvant nofsani fil-medjuevu.

## Storja tal-Kastell ta' Montfort

Il-Kastell ta' Montfort kien il-kastell prinċipali tal-Ordni monastiku militari Tewtoniku fl-Art Imqaddsa. L-Ordni Tewtoniku twaqqaf lejn tmiem is-seklu 12 fil-belt port ta' Akri, fejn il-Kruċjati kellhom il-kapitali tar-Renju Latin ta' Ġerusalemm wara li tilfu l-Belt Qaddisa fit-2 ta' Ottubru 1187, meta Saladin keċċihom minn Ġerusalemm. Akri saret kapitali fl-1191, meta intrebħet mir-Re Richard I tal-Ingilterra (Richard the Lionheart), flimkien mar-Re ta' Franza Philippe II u r-Re Guy ta' Lusignan.

L-Ordni Tewtoniku, magħruf uffiċjalment bl-isem *Ordo Domus Sanctae Mariae Theutonicorum Hierosolymitanorum*, twaqqaf f'Akri madwar l-1190 minn kavallieri Ġermaniżi. L-isem tiegħu bil-Ġermaniż hu *Orden der Brüder vom Deutschen Haus der Heiligen Maria*

*Dehra tal-Kastell ta' Montfort*




*Knights Hall tal-Kastell ta' Montfort*

*in Jerusalem*. L-iskop oriġinali tiegħu kien dak li jgħin lill-Insara pellegrini fl-Art Imqaddsa, permezz ta' ħidma militari u t-twaqqif ta' sptarijiet.

Il-Kavallieri Tewtoniċi bnew il-Kastell ta' Montfort fuq irdum wieqaf u dejjaq li jixref fuq in-Nahal Kziv fil-Galilija ta' fuq, madwar 13-il km 'il ġewwa mill-belt ta' Nahariya fuq il-kosta tal-Mediterran. Dan il-kastell ma nbeniex oriġinarjament għal skopijiet militari, bħal fil-każ tal-kastelli l-oħrajn Kruċjati tal-Art Imqaddsa. L-iskop kien sempliċement dak li l-Ordni Tewtoniku jmexxi l-amministrazzjoni tiegħu, inklużi l-arkivji u t-teżor, minn Akri għal pożizzjoni aktar iżolata u żgura. F'Akri l-Ordni Tewtoniku kien jaffaċċja t-theddida taż-żewġ Ordnijiet kavallereski kbar ta' żmien il-Kruċjati, jiġifieri l-Ordni tal-Kavallieri Templari u l-Ordni tal-Kavallieri Ospedalieri (Kavallieri ta' San Ġwann). Dawn riedu jaħkmu taħt idejhom lit-Tewtoniċi, meqjusin bħala Ordni żgħir.

Ftit wara li l-Kruċjati kienu rebħu l-Art Imqaddsa mill-Misilmin fl-1099, bosta nies mill-Ewropa bdew jiġu fl-Art Imqaddsa bħala pellegrini u baqgħu jgħixu hemm. Il-familja nobbli Franċiża De Milly akkwistat il-proprjetà ta' fejn inbena l-kastell u kienet tamministraha bħala fewdu agrikolu. Meta Saladin rebaħ lir-Renju Latin ta' Ġerusalemm fl-1187, anke l-fewdu ta' De Milly spiċċa f'idejn il-Musulmani. Imma billi din il-proprjetà kienet tinsab f'żona interna, mimlija boskijiet u għoljiet, u bogħod mit-toroq prinċipali ta' komunikazzjoni, il-Misilmin qatt ma tawha importanza.

Kienet ir-rebħa ta' Saladin li wasslet għat-Tielet Kruċjata (1189-1192), immexxija mir-Re Richard I tal-Ingilterra. Dan irnexxielu jagħmel rebħa fuq il-Misilmin. Imma t-territorji tar-

Renju Latin ta' Ġerusalemm li rnexxielu jakkwista kienu ferm iżgħar minn dawk oriġinali. Ġerusalemm u l-għoljiet tal-Lhudija u tas-Samarija baqgħu taħt kontroll Iżlamiku. Il-Kruċjati rnexxielhom jakkwistaw biss il-kontroll tal-kosta tal-Palestina u tal-Galilija. Meta mbagħad huma mexxew il-kapitali tar-Renju Latin minn Ġerusalemm għal Akri, fl-1191, l-importanza ta' Montfort żdiedet, minħabba l-fatt li l-proprjetà tal-familja De Milly kienet tinsab biss 8 km bogħod minn Akri. Għalkemm il-familja De Milly reġgħet akkwistat din il-proprjetà matul it-Tielet Kruċjata, iddeċidiet li tbigħha lill-Kavallieri Tewtoniċi fl-1220. Il-Kavallieri Ġermaniżi bdew isewwu l-bini u jsaħħuh f'forma ta' fortizza jew kastell, l-aktar wara l-ġlied li kien hemm bejniethom u bejn l-Ordnijiet Kavallereski tat-Templari u Ospedalieri. Kellhom bżonn iħallu Akri u jfittxu post ċentrali ta' amministrazzjoni għalihom. Montfort kienet tidher bħala għażla naturali u ideali.

Il-Kavallieri Tewtoniċi għamlu talba għall-għajnuna lill-Papa Girgor X, permezz tal-Gran Mastru Hermann von Salza. Huma rnexxielhom jakkwistaw bosta kontribuzzjonijiet minn familji Ewropej u pellegrini, biex hekk isaħħu u jsewwu l-proprjetà. B'din l-għajnuna l-Kavallieri Tewtoniċi biddlu l-proprjetà agrikola f'kastell fortifikat li fiċ-ċentru tiegħu juri li kellu swali kbar fuq żewġ sulari. Kif għidna, huma ittrasferew fil-Kastell ta' Montfort l-amministrazzjoni tagħhom li kellhom f'Akri, l-aktar id-dokumenti storiċi importanti fl-arkivju u t-teżor. Fil-kastell mibni f'reġjun hekk bogħod u iżolat huma kellhom moħħhom mistrieħ li setgħu iħarsu l-identità u r-rikkezzi tagħhom mir-regħba tal-Ordnijiet Kavallereski l-oħrajn.

Wara biss 40 sena ta' eżistenza, l-Kastell ta' Montfort ġie assedjat mis-sultan Mamluk Baibars fl-1266. Għalkemm ir-Renju Latin kien diġà beda juri sinjali ta' dgħufija, imma


*Arkitettura Kruċjata tal-Kastell ta' Montfort*


Il-foss tal-Kastell

l-Kruċjati baqgħu iżommu Akri u fortizzi oħrajn fuq il-kosta tal-Palestina. Anke l-Kavallieri Tewtoniċi, din id-darba, irnexxielhom ikeċċu l-armata Iżlamika mill-Kastell ta' Montfort.

Imma fl-1271, meta diversi fortizzi u bliet Kruċjati kienu waqgħu f'idejn Baibars, dan il-mexxej Mamluk assedja l-Kastell ta' Montfort billi uża strateġiji militari ta' inġinerija f'din iż-żona muntanjuża u ta' boskijiet. Wara tlitt ijiem ta' assedju l-armata ta' Baibars rebħet ir-*rabad* jew *fauborg* (ir-raħal ta' barra l-kastell). L-għada Baibars ħakem il-*bashura*, jew is-sur estern li kien jiddefendi l-kastell, u wara 15-il ġurnata oħra l-Kavallieri Ġermaniżi ddeċidew li jċedu. Saru negozjati bejn Baibars u l-Kruċjati, u dawn tħallew jitilqu mill-kastell bil-proprjetà tagħhom kollha u jmorru f'Akri. Wara li Akri wkoll intrebħet minn al-Ashraf Khalil fit-18 ta' Mejju 1291, u r-Renju Latin ta' Ġerusalemm ġie fix-xejn, il-Kavallieri Tewtoniċi sabu kenn fil-belt ta' Venezja. Wara li Baibars rebaħ il-Kastell ta' Montfort, kif kien soltu jagħmel fil-kastelli l-oħrajn Kruċjati, hu qabbad lis-suldati tiegħu biex iġarrfu l-kastell. Ir-raġuni prinċipali tal-waqgħa tal-Kastell ta' Montfort kienet il-fatt li kien mibni f'pożizzjoni ġeografika diffiċli, fejn l-għajnuna militari ma setgħetx tasal malajr, kif ukoll ma kellux difiża tajba ta' swar fuq id-dawra ta' barra.

## Arkitettura tal-Kastell ta' Montfort

Il-Kastell ta' Montfort hu mibni fuq xifer ta' għolja li toħroġ 'il barra minn muntanja. Fil-lingwaġġ tekniku tal-istrutturi Kruċjati hu meqjus bħala *spur castle*, jiġifieri kastell mibni fuq xifer ta' għolja li toħroġ barra minn muntanja u tixref fuq widien fondi. B'hekk l-istess għolja toffri difiża naturali għax tixref minn kullimkien fuq widien u boskijiet. Il-partijiet

l-aktar difensivi tal-kastell jinsabu fuq ix-xaqliba tal-lvant, li billi timmarka l-post li fih l-għolja tinqata' mill-muntanja ta' fuqha, timmarka l-aktar żona vulnerabbli li kellha bżonn tiġi difiża. Fuq dik ix-xaqliba hemm żewġ fossijiet quddiem torri li għandu forma tal-ittra D. Id-daħla tal-kastell tinsab fuq ix-xaqliba opposta, u għandha torri li jħarisha. Billi l-quċċata tal-għolja li fuqha hu mibni l-kastell hi dejqa, il-bini residenzjali prinċipali ġie mibni b'tali mod li jokkupa l-ispazju bejn dawn iż-żewġ torrijiet. Flimkien mad-daħla jew bieb tal-punent, dawn l-elementi arkitettoniċi jikkostitwixxu l-parti superjuri tal-kastell, li hi l-aktar parti importanti. Is-sur estern, li x'aktarx lanqas kien tlesta meta l-kastell waqa' f'idejn il-Mamluki fl-1271, għadu jidher fil-fdalijiet ta' ħajt estern li jinżel matul ix-xaqliba tat-tramuntana u dik tal-punent.

Il-parti ċentrali tal-Kastell ta' Montfort tikkonsisti fil-binja amminstrattiva, li kellha tliet sulari. Għadu wieqaf is-sular ta' isfel, fejn għadhom jidhru żewġ swali msaqqfin forma ta' volta gotika, bħall-binjiet kollha tal-Kruċjati. X'aktarx li fit-tieni sular kien hemm sala ċerimonjali u fit-tielet sular kien hemm l-appartamenti tal-kastellan.

Id-daħla tal-kastell kienet tinsab fix-xaqliba ta' taħt, permezz ta' torri li għadu wieqaf u li kellu tliet sulari. Dan it-torri hu waħda mill-aktar strutturi ppreżervati tajjeb tal-kastell. Saru ħafna skavi arkeoloġiċi. L-aħħar skavi fl-2016 kixfu l-ħitan esterni tal-kastell, imma ma sabux kontinwazzjoni tas-swar fuq ix-xaqliba tan-nofsinhar. Instabu wkoll diversi strutturi awżiljari mal-binja tal-kastell, fosthom l-istalel taż-żwiemel. Taħt il-kastell instabu fdalijiet ta' binja li kellha mitħna taħdem bl-ilma, fuq ix-xmara Kziv li hemm taħt il-kastell. Din il-mitħna kienet inbidlet f'ambjenti għall-mistednin tal-kastell matul is-seklu 13. Instabet ukoll bitħa fortifikata li fiha torri qrib barriera tal-ġebel li minnha ttieħed il-materjal biex inbena l-Kastell ta' Montfort. Din tinsab madwar kilometru mill-kastell, lejn il-Mi'ilya jew *Castellum Regis*. Forsi din kienet tikkostitwixxi l-ewwel swar li rebaħ Baibars fl-1271.

Il-*Castellum Regis*, jew il-kastell rjali li kien oriġinarjament ir-residenza tal-familja nobbli de Milly qabel ma xtraw il-proprjetà l-Kavallieri Tewtoniċi fl-1220, għadu jidher imġarraf fir-raħal Kristjan Għarbi



*Dehra oħra tal-Kastell ta' Montfort*

ta' Mi'ilya. It-Tewtoniċi kienu semmewh Mhalia jew *Castellum Novum Regis*.

L-iskavi tas-sit tal-Kastell ta' Montfort bdew fl-1877 minn Horatio Kitchener b'riżq il-*British Survey of Western Palestine*. Tkomplew skavi ġodda fl-1926 waqt spedizzjoni organizzata minn Bashford Dean, kuratur tal-*Arms and Armour Department* tal-*Metropolitan Museum of Art* ta' New York. Saru skavi fl-2011 mill-Professur Adrian Boas tal-Università ta' Haifa. Fl-2015-2016 dawn l-iskavi tkomplew bl-għajnuna ta' studenti mir-*Royal Holloway* tal-*University of London*.

Il-pożizzjoni ġeografika tal-Kastell ta' Montfort tagħmel minnu ġawhra ta' arkitettura Kruċjata. Qabel xejn jinsab imħares minn ambjent naturali tassew uniku, mimli boskijiet u b'veduta mill-isbaħ lejn il-baħar Mediterran u lejn Rosh Hanikra, il-muntanja li tifred Israel mil-Libanu, qrib it-"Tarġiet ta' Tir". Fuq ix-xaqliba tat-tramuntana jidhru l-muntanji tal-fruntiera bejn Israel u l-Libanu. Il-fatt li l-kastell jinsab f'żona pjuttost iżolata jgħin biex dan is-sit jiġi mħares minn vandaliżmu u huma bosta dawk li jmorru jżuruh billi jinżlu bil-mixi fit-trejqa, mimlija ġebel u turġien maqtugħin fil-blat, li twasslek fuq il-kastell b'mod li dan jidher f'daqqa waħda quddiem għajnejk moħbi mis-siġar tal-boskijiet li jdawruh.

## Riferenzi


JAROSLAV FOLDA, *Crusader Art in the Holy Land. From the Third Crusade to the Fall of Acre (1187-1291)*, Cambridge University Press, 2005, 185-187.

DENYS PRINGLE, *Secular Buildings in the Crusader Kingdom of Jerusalem: An Archaeological Gazetteer*, Cambridge University Press, 1997, n. 156, 73-75.

*Montfort: history, early research and recent studies of the principal fortress of the Teutonic Order in the Latin East*, edited by ADRIAN BOAS, Leiden, Boston, 2017.

https://en.wikipedia.org/wiki/Montfort_Castle

https://biblewalks.com/sites/montfort.html

ĠEDDED L-ABBONAMENT TIEGĦEK

# L-ART Imqaddsa
RIVISTA BIBLIKA

## TIĠDID
## L-ART IMQADDSA
## 2018




## ABBONAMENT:
**€10 fis-sena**
**€15 jew aktar Sostenitur**

TOĦROĠ KULL 3 XHUR

**Kummissarjat tal-Art Imqaddsa**
8, Triq Santa Luċija,
Valletta, VLT 1213
Malta
Tel: 2124 2254
E-mail: comalt@ofm.org.mt
www.ofm.org.mt

*Jekk irċevejt ir-Rivista b'xejn għaliex ġejt l-Art Imqaddsa mal-Franġiskani, ħallas l-abbonament biex tkompli tirċiviha.*

Kunjom ______________________

Isem ______________________

Indirizz ______________________

______________________

______________________

Kodiċi Postali ______________________

Qed nibgħat € ______________
bħal abbonament għall-2018

# Pellegrinaġġi Franġiskani 2018

**Ikteb jew ċempel:**
**Kummissarjat tal-Art Imqaddsa**

8, Triq Santa Luċija,
Valletta VLT 1213, Malta
Tel: 2124 2254
E-mail: comalt@ofm.org.mt
www.ofm.org.mt

## Art Imqaddsa

Għaż-Żgħażagħ 02 - 10 Lulju
*Imexxi l-pellegrinaġġ Mons Arċisqof Charles J. Scicluna*

12 - 20 Lulju

## Art Imqaddsa *Extra*

04 - 14 Novembru

## Assisi

15 - 23 Settembru

